
MONS SION IN JERUSALEM



Taqsima
Mill-Belt Ta' Gerusalem
Bil-Bieb Tagħha l-Ewlieni
U l-Koppla l-Kbira
Li taħtha jinsab
Il-Qabar ta' Kristu

Is-Seba' Sena LULJU - SETTEMBRU, 1961 Ghadd 3

"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes."

LEHEN
L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOHROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ ghand "Giov. Muscat & Co. Ltd." Valletta.

LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAHRUĠ MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU F'MALTA



Is-Seba' Sena LULJU - SETTEMBRU, 1961 Ġhadd 3

X'FIH DAN IL-ĠHADD

L-Eghżeż Tifkiriet (Id-Direzzjoni) 65

Il-Vanġelu ta' San Ġwann (P.P. Saydon) 66

Dawra ma' l-Art Imqaddsa (Dun Karm Sant) 68

L-Istorja ta' Ġerusalem (Dun Anton Tabone) 72

Rgħajja u Mriehel fil-Bibbja (Patri G. Faccio O.F.M.) 76

L-Iġbla tal-Karmelu (R. Magliocco) 79

Il-Meżuża (P. Ubertinu Berti O.F.M.) 82

Tislim il-Ġħarab (P. Narcissu Cecchitelli, O.F.M.) 84

Il-mewt ta' Pere Vincent O.P. (l-Editur) 90

Ħrejjef Lhudin 93

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa 95

Requiescant In Pace 96

Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.
Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.
Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, il-Belt.

L-EGHZEZ TIFKIRIET

Kull min hu Nisrâni minn qalbu — m'hux Nisrâni għax jaqbillu, jew għax hekk iġib il-mân — għandu jħoss qima bla tarf u mħabba bla qjies, lejn Dak iż-Żagħżugħ Lhudi, mill-Palestina, jismu Ġesù, li għax għallem u għamel is-sewwa, dwar elfejn sena ilu, sallbuh u qatluh hemmekka.

Għax bħal ma l-kalamîta tiġbed lejha kull ħaġa magħmula mill-ħadîd, hekk ukoll Ġesù, bl-imxija Tiegħu li tlaħħaq kull imkien, jiġbed lejh lil kull min għandu rieda tajba. Kull min hu ta' raj tajjeb, lil ġibda ta' Ġesù ma jistax jeqfilha. Meta jisma' bih, u jifli kliemu u eġħmilu, u jifhmu sewwa, jiġri lejh bħal ma l-ilma jiġri għan-niżla, u jixteħet fih bħal ma l-wied jixteħet fil-baħar. U jgħidlu b'qalbu u ruħu kollha: "Ġesù, Int Hu s-Sid u s-Sultân u Alla tiegħi!". Għal hekk, Ġesù Huwa s-Sid u s-Sultân, ta' dawk li huma Nsâra fil-qalb, bir-raj tagħhom infushom. Huma marru lejh minn jeddhom, għax ir-raj tagħhom jaqbel ma' Tiegħu.

Imma fejn Hu Ġesù l-lum? 'Il fejn tinġibed il-qalb tan-Nisrâni? Fejn, fit-tielfa ta' mħabbitha, tobsor li tista ssibu, tad-demm u l-laħam, ħalli titgħaxxaq bih u tisma' kliemu? Tinġibed naħa waħda: lejn il-Palestina. Għax fil-Palestina, fuq naqra ta' għolja mdawra bis-siġar, issib lil Betlehem, u fin-niżla tagħha, il-Għar fejn Ġesù twieled, u taħt l-għolja, l-wied tas-Saħrîn, fejn ir-rgħajja kienu jisħru, meta tbaxxru bi Twelidu. Naħa oħra, hemm Nazaret, fejn trabba u fejn hemm il-fdâl ta' dar Ommu, u tal-ħanut tax-xogħol ta' Dak li għadda b'missieru. Hemm ix-xriegħa tal-Ġordân, fejn tgħammed, u l-iġbla għerja u waħxija, fejn kien imġarrab. Hemm il-ħerba ta' Kafar-Naħûm, fuq xatt il-għadîra ta' Kinneret, u l-wetja ta' Ġenesâr, imsoqqija bl-ilma ġieri, u miksija bil-ħaxîx u l-fjuri. Hemm il-għolja tal-Barkiet, u ma' dwarha r-raba, biż-żara jmewweġ, u bit-trejqiet f'nofsu. Hemm ir-raħal ta' Nagħîm, u qribu, għalih waħdu, jirtafa' t-Tâbor. U mbagħad, hemm il-Belt Imqaddsa ta' Ġerusalem, u fiha t-Tempju, fejn Ġesù kellu l-eħrex taqbid mal-ġħedewwa. U 'l fuq mit-Tempju, ċ-Ċenaklu, fejn tgħaxxa l-aħħar darba; u 'l isfel mit-Tempju l-wied ta' Kedron, u ma' ġenbu l-Ġetsemni. Fil-Belt ukoll hemm il-Qàsar ta' Pilatu, fejn kien mogħti għal mewt u mgħobbi s-salib, u l-Kalvarju, fejn miet, u l-Qabar, fejn meddewh mejjet. U fl-aħħar hemm l-għolja taż-Żebbuġ, minn fejn, erbgħin jum wara, tala' s-sema!

Il-qalb, mela, tiġbed lin-Nisrâni, bis-seħer tal-Imħabba, lejn il-Palestina, biex hemm tfittex lil Ġesù, u tarah u tisimgħu! Imma lil Ġesù ma ssibux, għax Ġesù m'għadux hemm! B'dana kollu, tarah ċkejken fit-tfâl żgħar ta' hemm, lebsin, bħal ma kien jilbes hu, qmis twila-twila. Tarah raġel bil-leħja, fil-Fellaħîn, liebes qumbâs u għâba, u ħatta u ġħagâl fuq rasu; tisma' l-lingwa li kien jitkellem Hu, li għadha qisha dik li kienet fi żmienu, xorta waħda. Tara l-għoljiet li kien jitla' u l-widjien li kien jinżel; it-toroq li kien jmxi, u d-djâr żgħâr, bħal dik li kien jgħammar fiha. U l-qalb tistrieħ, u l-moħħ jixxiegħel. Għal hekk, mela, biex iserrħu l-Imħabba ta' qalbhom, minn mad-dinja kollha, eluf ta' Nsâra, kull sena, imorru jżuru l-Art Imqaddsa!

ID-DIREZZJONI

IL-VANGELU TA' SAN GWANN

Jekk wieħed jaqra, mqar fuq-fuq il-Vanġeli u jqabbel l-ewwel tlieta, S. Mattew, S. Mark u S. Luqa ma S. Ġwann, malajr jintebaħ li hemm differenzi kbar bejniethom. S. Mattew, S. Mark u S. Luqa, bi kliem ħafif, iġħidulna xi ġrajja mill-ħajja u mill-ħedma ta' Ġesù Kristu u xi ftit mit-tagħlim tiegħu man-nies tal-Galilija. S. Ġwann jinfired u jitbiegħed minnhom u jagħtina Evanġelju ieħor li ma jixbah xejn lill-oħrajn. Bħalma qalu l-għorrief tal-Knisja, l-ewwel tliet Evanġelisti juruna 'l Kristu bniedem fuq l-art ma bnedmin oħra, imma S. Ġwann, bi ġwenħajn ta' ajkla jitla' 'l fuq, 'il fuq sattron ta' Alla u jara u jurina 'l Kristu bħala Alla u Bin Alla. L-ewwel tliet Vanġeli huma storja jew rakkont talħedma ta' Kristu qalb il-bnedmin, irraba' Vanġelu hu teoloġija mibnija fuq it-tagħlim u l-mirakli ta' Kristu. Għalkemm l-ewwel tliet Vanġeli fihom tagħlim ukoll, aktar jidhru kotba ta' rakkont milli kotba ta' tagħlim, filwaqt li r-raba' Vanġelu, għalkemm fih xi rakkonti wkoll, aktar jidher li hu ktieb ta' tagħlim milli ktieb ta' rakkonti. Għalhekk l-aqwa għorrief dejjem ħassew ġibda kbira lejn dan il-Vanġelu u tħabtu kemm felħu u ħaddmu l-qawwa kollha ta' moħħom biex jifhmu l-ħsieb tal-evanġelista u jfissruh tajjeb. U din il-qawwa tal-Evanġelju ta' S. Ġwann iħossuha l-għorrief tal-lum ukoll, kattoliċi u mhumiex, li f'dawn l-aħħar snin tawna kotba fuq dan l-Evanġelju aktar milli tawna fuq it-tlieta l-oħra f'daqqa.

X'jgħallimna S. Ġwann fl-Evanġelju tiegħu? Biex nifhmu t-tagħlim ta' S. Ġwann jaħtieġ nifhmu kif inhu maħdum l-Evanġelju tiegħu, fiex jaqbel u fiex ma jaqbelx mal-oħrajn. L-Evanġelju ta' S. Ġwann hu maqsum f'żewġ taqsimiet kbar. L-ewwel taqsima fiha l-ewwel tnax-il kap, u fiha naqraw ftit mirakli u ħafna taħdit ta' Kristu mal-Lhud; fil-bqija tal-Evanġelju għandna r-rakkont tal-passjoni maqsum ukoll f'żewġ taqsimiet, id-diskors ta' Kristu mal-Appostli u l-passjoni.

S. Ġwann jirrakkontalna seba' mirakli milli għamel Kristu, għalkemm fl-aħħar iġħid li kieku kellu jinkiteb kull ma għamel u kull ma qal Ġesù, id-dinja ma kenitx tesagħhom il-kotba kollha li kienu jinkitbu. Dawn il-mirakli huma: il-bdil tal-ilma f'inbid fit-tieġ ta' Kana; il-fejqan tal-magħtub ta' Bethesda; il-fejqan ta' żagħżugħ f'Kana; it-tkattir tal-ħobż u l-mixi ta' Kristu fuq l-ilma; il-fejqan ta' wieħed agħma mit-twelid; il-qawmien ta' Lażżru mill-mewt. U kull wieħed minn dawn il-mirakli hu rakkontat b'mod li t-tagħlima tiegħu tidher mill-ewwel daqqa ta' għajn. Wara, inkella, bl-ewwel miraklu, jgħid S. Ġwann, Kristu wera l-glorja tiegħu quddiem ftit nies, qraba u ħbieb, jiġifieri wera s-setgħa tiegħu ta' Alla, għax min seta' jibdel l-ilma f'inbid ħlief Alla? L-istess setgħa wera Kristu fil-fejqan taż-żagħżugħ ta' Kana u tal-magħtub ta' Bethesda. Il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż u tal-mixi fuq il-baħar kienu tħejjija tad-diskors li għamel Kristu l-ġurnata ta' wara fis-sinagoga ta' Kafarnaħum u li bih wieġħed il-ħobż li jagħti l-ħajja ta' dejjem. Il-fejqan tal-agħma mit-twelid hu rakkontat

wara li Kristu kien qal li hu kien id-dawl tad-dinja. Fi kliem ieħor il-fejqan tal-agħma kien xbiha tal-fejqan tad-dinja mill-għama tal-injoranza u tad-dnub. Il-qawma ta' Lażżru mill-mewt tfisser li Kristu kien il-ħajja ta' dejjem li hu kien lest biex jagħtiha lil kull min jemmen fih. Tant hi kbira r-rabta bejn il-mirakli u t-tagħlim li x'uħud jaslu saħansitra biex igħidu li l-mirakli tar-raba' Vanġelu huma kollha ivventati minn S. Ġwann biex aktar ifiehem it-tagħlim tiegħu.

Wieħed mill-punti l-aktar fundamentali tat-tagħlim tal-Vanġelu ta' S. Ġwann hu d-divinità ta' Ġesù Kristu, verità li nħossuha tidwi mill-ewwel faċċata tal-Evanġelju sal-aħħar. Kristu hu Alla, Bin Alla, kien minn dejjem, bih saret id-dinja u kull ma fiha; l-Iben ta' Alla kien mibgħut fid-dinja minn Alla l-Missier, sar bniedem bħalna u għammar fostna. Dan naqrawh fl-ewwel faċċata tal-Evanġelju u fl-Evanġelju kollu. Lil Nikodemu Kristu jgħidlu: "Alla hekk ħabb il-bniedem, li ta' l-Iben tiegħu l-waħdani, biex kull min jemmen fih ma jintilefx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem; għax Alla ma bagħatx 'l Ibnu fid-dinja, biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja tkun salvata bih. Min jemmen bih ma jkunx ikkundannat, imma min ma jemminx hu diġa ikkundannat, għax ma emminx bl-isem tal-Iben waħdieni ta' Alla" (3, 16-18). Mela min ma jemminx fl-Iben ta' Alla hu ikkundannat, ma għandu l-ebda dritt għall-ħajja ta' dejjem. U min hu dan l-Iben ta' Alla li għandna nemmnu fih? Nisimgħu 'l Kristu stess igħid: "Min jisma' kelmti u jemmen f'dak li bagħatni, ikollu l-ħajja ta' dejjem u ma jiġix għall-kundanna, imma jgħaddi mill-mewt għall-ħajja" (5, 24). Qabel Kristu qal li min ma jemminx fl-Iben ta' Alla ma jkollux il-ħajja ta' dejjem, issa jgħid li min ma jemminx fih ma jkollux il-ħajja ta' dejjem. Mela Kristu hu l-Iben ta' Alla. U jekk lil Nikodemu qallu li Alla bagħat l-Iben tiegħu fid-dinja, lil-Lhud qallhom li bagħat lilu stess (5, 37). Mela hu, Kristu, kien Bin Alla. U f'bosta okkażjonijiet oħra Kristu stqarr li hu kien minn dejjem ma Alla. Il-Lhud fehmuh 'il Kristu. Għax meta Kristu staqsiehom: "Għamilt quddiemkom ħafna għemejjel tajba bis-setgħa ta' Missieri; għal-liema għamil minnhom tridu tħaġġruni?" weġbuh: "Mhux għal xi għamil tajjeb inħaġġruk, imma għad-daġħwa, għax int, bniedem, tagħmel lilek innifsek Alla" (10, 31). U din il-verita' qisha dawl li jinfirex mal-Evanġelju kollu u jurina l-għamil kollu ta' Kristu u t-tagħlim tiegħu kollu bħala għamil u tagħlim ta' Alla. L-Evanġelju ta' S. Ġwann nistgħu bir-raġun kollu nqisuh bħala trattat tat-teoloġija ta' Kristu l-Iben ta' Alla.

Kristu mhux biss qal li hu kien Alla u Bin Alla imma ried li l-Lhud jemmnu fih bħala Alla. Min jemmen, ikollu l-ħajja ta' dejjem; min ma jemminx ma jkollu l-ebda dritt għal din il-ħajja, jiġifieri, jkun ikkundannat. Dal-kliem Kristu qalu lil Nikodemu u qalu bosta drabi lil-Lhud (5, 24; 6, 29; 35, 36; 40, 47; 10, 38; 11, 40; 12, 44-50).

P. P. SAYDON

(*Jorbot mal-ħarġa li ġejja*)

DAWRA MAL-ART IMQADDSA

"Fejn tiġbed il-qalb, jimxu r-riġ lejn", jgħid il-qawl Mâlti; u hekk hu.

Kont ili nistenna l-waqt li nkun nista' naqta' xewqti u nżûr dawk l-artijiet imqaddsa li fuqhom kont naqra u nħabbel râsi għal snin sħâħ. Kemm iddûm taqra, u tarġa taqra fuq dik il-belt, dak ir-raħal, dak ix-xagħri, u dawk in-nies? Fl-aħħar tibda tinbet u titrawwem fik ix-xewqa li tarâhom, titgħaxxaq bihom u thoss l-arja tagħhom; tixtieq tara lil nieshom, id-drawwiet tagħhom, issir ħâġa waħda magħhom!

Fl-aħħar wasal il-waqt, fl-1956. Id-Direttûr tal-Istitût Bibliku Pontifiċju ta' Ġerusalem — li hu fergħa ta' dâk ta' Ruma — kull sena jaħseb biex idawwar ġemgħa mdaqqsa ta' studenti mal-Artijiet Imqaddsa ewlenija. In-nefqa ftit għolja, imma m'hux ta' min jitlifha. Jista' jkun li oħrajn isîbu irħas jew aktar kumdità, ngħidu aħna xi Pellegrinaġġ, imma dawn ma jkunûx jgħoddu għal min jixtieq jitgħallem xi ħâġa sewwa ta' Arkeoloġija, Storja, drawwiet u ħwejjeġ oħra ta' din ix-xorta, bħal ma xtaqt jien. Għal hekk qtajtha li nitlaq, jiġri x'jiġri. Jekk inħalli għal xi darba oħra, għandu mnejn ma nkunx nista' niċċaqlaq.

Ktibt lid-Direttur tal-Istitût, u wara ftit tal-jiem waslitli tweġiba li kollox sewwa; bdejt inħejji ruħi, xahrejn sħâħ ġiri bla serħân ta' xejn. Tilqim kontra tilqim; viżi u passaporti; bagalji u ħwejjeġ apposta, fosthom suttâna bajda, u x'naf jien.

Is-safra kienet kbira ġmielha; kellna mmorru l-Eġittu, is-Sinaj, il-Lebanôn, is-Sirja, il-Ġurdanja, Israel, u l-Greċja. Kont taħbat taqta' qalbek taqra l-programm; imma billi kollox kien imqassam tajjeb u mmexxi minn nies li jafu l-postijiet fuq ponot sub-għajhom, ma tħabbelx rasek. Kellna nitilqu minn Napli fl-24 ta' Ġunju, 1956, fis-sagħtejn ta' wara nofs inhar, mal-vapur *Enotria*, għal Lixandra. U aħna u ġejjin lura, mbagħad il-vapur *Messapia*, fil-11 t'Awissu kellu jniżżilna Bari. F'dan iż-żmien rajna ħafna hwejjeġ sbieħ li jgħinûna wisq biex nifhmu u nħossu l-qawwa tal-Kelma t'Alla miktuba.

L-Eġittu — Wara xi tlett ijiem baħar bla taħbît ta' xejn, nhar l-Erbgħa, is-27 ta' Ġunju, fil-għôdu, sbaħna quddiem il-Port ta' Lixandra. Kienu għal ħabta tat-8 ta' filgħodu meta sibna ruħna fuq ix-xatt ta' din il-belt, kbira għanja, ħajja. Belt imwaqqfa minn dak l-ġħâġeb ta' bniedem li kien Alessandru l-Kbir. Hawn ġhexu Tolomew, Ċesri, Kleopâtra, Antonius. Ġħalina Lixandra hija l-belt fejn ġħall-ewwel darba l-Bibbja kienet maqlûba fi lsien barrâni; il-Grieg. Din it-traduzjôni baqgħet magħrufa bħala t-traduzjôni tas-Sebgħin, ġħaliex skond il-ġħidût Lhûdi, kienet magħmula minn 72 ġħaref tal-Lhud, li ġħal kemm ma kellhomx x'jaqsmu ma' xulxîn waqt ix-xogħol, fl-aħħar sabu li nqdew bl-istess kliem u stîl. Hawn Lixandra, kien hawn ħafna Lhud fil-qedem; dawn tilfu l-ilsien tagħhom, il-Lhûdi, u ħtieġu Bibbja bil-Grieg,

biex jistgħu jaqrawha. Kienet Provvidenza, għaliex snin wara, meta l-Appostli ħarġu jippredkaw, inqdew b'din it-traduzjôni Griega, fost il-Lhûd imxerrda mal-Imperu Rumân u l-Pagâni li kien sâru Nsara. Hawn kien hawn ukoll jgħix il-Filosfu Lhudi Filon, li pprova jgħaqqad il-ġherf tal-Griegi mal-ġherf Lhûdi. Il-Fidi ta' Kristu daħlet bikri f'din il-belt tal-kummerċ u tal-ġherf. San Mark kien l-ewwel Isqof tagħha. Hawn kien hawn ukoll Librerija kbîra u għanja, tat-Tolomej. M'hux ta' b'xejn li f'Lixandra trawwmet l-iskôla katekêtka Nisranija, li tagħtna lil San Klement ta' Lixandra u lil Oriġêne, il-ġenju kbîr li ħalla m'hux anqas minn 800 volum bil-kitba tiegħu.

Inżilna l-art u morna nżûru l-Museum u l-fdalijiet militâri Rumâni. F'dan il-Museum tidher tinfetah quddiemek l-istorja ta' din il-belt, li dik il-ħabta kienet is-Sultâna tal-kummerċ fil-baħar Mediterrân. Malta hija marbuta ma' Lixandra mħabba l-linji tal-iġfna Rumâni fil-qedem. San Pawl tfarrak fuq Malta fuq ġifen Lixandrin; u fuq ġifen Lixandrin ieħor li kien hawn Malta għax-xitwa, telaq minn hawn lejn Rûma; u l-lum hemm, jew kien hemm ħafna Maltin. Fil-Kattidrâl ta' santa Katarîna ta' Lixandra, hemm kunfissunarju miktub fuqu li l-Maltin jistgħu jqerru fih bil-Malti.

F'nofs inhâr ħallejna Lixandra, il-belt tal-ġnus tal-kummerċ, tal-ġherf u tal-faqar... u tlaqna lejn il-Kajr, fil-qalba tal-Eġittu.

Il-Kajr — Wasalna l-Kajr f'xi l-4.30 ta' wara nofs inhar. X'târa fuq il-ferrovijiet Eġizzjani ma ngħiduħx. Taħlît ta' nies, fqâr u għonja, morda u qawwijin, kbâr u żgħâr, kull ħadd ħallâta-ballâta. Għajjât bil-Koka-Kola, fi żquq kollha dubbien. Kull ħadd jgħid tiegħu, u m'hux darba u tnejn jiġu, jew ikunu sa jiġu fl-idejn. Iħallulek impressjoni ta' għażż u traskurâġni, ta' nies bla kont. Ħdejn dawn imbagħad tara s-sinjuri, li għandhom ir-riedni f'idejhom.

Wara li morna nistrieħu ftit fil-Kulleġġ tal-Ġeżwiti tas-Sagra Familja, fejn kellna noqogħdu sa kemm indumu l-Kajr, tlaqna bil-karozzi għal Pirâmda l-kbîra, fejn hemm l-Isfinġa, l-istatwa misterjuża li ħawwdet l-imħuħ tan-nies il-kbâr tal-qedem, minn Ċesri sa Napuljûn; l-istudjużi tal-lum, għadhom ma jistgħux jgħîdu sewwa x'inhi, għal kemm l-ideja li kienet xi ħâġa reliġjûża aktar ma jmûr tissaħħah. Kif wasalna, il-Għarab resqu lejna bl-iġmla, biex jagħtuna rikba. Ma kienx ta' min jitlifha,



L-Eġittu — Il-Piramda l-Kbira, u ħdejha l-Isfinġa, li żarhom Dun Karm Sant, kif fisser f'dil-kitba.

imma ma kienx hemm żmien wisq, u l-kobor tal-Pirâmda, il-misteru tal-Isfinġa, u l-ewwel dehra ta' xfâr id-deżert li jibqa' sejjer lejn is-Sahara, ma jħallulekx wisq żmien taħseb fl-iġmla. Min ma râx id-deżert, ma jistâx jifhem xi jfisser. Qatt rajtu

l-baħar bla tarf, ftit u xejn imċaqlaq, irieġħi ħafîf-ħafîf, sax-xefaq? Hekk id-deżert; mewġa wara mewġa ta' ramel, jagħti fir-roża; il-bogħod-il-bogħod xi roqgħa siġar tal-palm, 'l hawn u 'l hemm. Bla mogħdijiet; bla ilma; bla dell. Xemx, xemx, u xemx. Il-Għarab ma jaqtgħux qalbhom; igħaddu jiem u jiem sħâħ jimxu fuq dan ir-ramel jikwi, imgeżwra fi lbies abjad biex jilqagħlhom ix-xemx u r-ramel, u jsaħħanhom fil-ksieħ ixoqq il-għadam ta' bil-lejl.

Dħalna fil-Pirâmda l-Kbîra li fiha żewġ miljuni (2,000,000) blokki tal-ġebel granît, x'uħud minnhom jiżnu tunnellati sħâħ. Fil-qalba ta' din il-Pirâmda hemm kamra, jew aħjar, żewġ kmâmar fuq xulxîn fejn kien hemm midfuna, jew imqegħda, il-mummji tal-Fargħûn u s-Sultâna tiegħu. Tidħol għalihom dawn il-kmâmar minn passaġġ moħbi u ssib ruħek f'kamra mudlâma, ħitanha kollha mibnija minn blokki kbâr tal-granît, maqtugħa apposta. Dlâm taqtgħu b'sikkîna. Hawn kienu mqegħda l-katâvri bbalsmâti skond id-drawwa tal-Eġizzjâni. Magħhom kienu jqêgħdu kull ma kien jeħtieġ il-Fargħûn fid-dinja l-oħra, fejn kellu jgħaddi ħajja tixbaħ ħafna lil din ta' hawn; tronijiet, imwejjed, tazez, platti, xettri, u għamajjar oħra bla għadd. Kollox tad-deheb u tal-fidda, u ħaġar prezzjuż. Il-lum ma tara xejn minn dan, għax il-ħallelîn tal-qedem, bi nkejja tal-mogħdijiet moħbija u maqfûla, xorta waħda sabu t-triq, u daħlu u serqu kull ma sâbu. Min sa jħalli dawk it-teżôri kollha moħbija u mirdûma taħt dawk it-tunnellâti bla qjies tal-Pirâmda, li ma kenitx ħâġa oħra għajr il-qabar tal-Fargħûn? X'jiswa billi l-Fargħûn ħela ħajtu, ġidu u żmienu; li għâsar lil min jaf kemm eluf ta' ħaddiema, jew aħjar ilsiera, biex italla' l-post fejn kellu jgħaddi żmienu wara l-mewt? Jekk qatt kien hawn pôplu li ħajtu kienet kollha kemm hi taħt id-dell tal-mewt, kienu l-Eġizzjâni. U kienu jagħmlu minn kollox biex ixejnu l-qawwa tal-mewt. M'hux biss il-Fargħûn, iżda wkoll in-nobbli, il-bqija, kollha kemm kienu, kbâr u żgħâr, għonja u foqra, kienu jaraw x'jivventaw biex jisguraw ruħhom li wara mewthom xi ħâġa jibqa' minnhom. Saħansitra kienu jidfnu mal-mummja l-Ktieb tal-Imwiet, li kien daqsxejn ta' Gwîda għad-dinja l-oħra. Iżda kollu għal xejn; il-mewt baqgħet, għadha, u tibqa'. Il-Fidi tagħna biss tagħtina tifsira tmîma tal-mewt: twelîd ġdîd, għal ħajja ġdîda aktar sħîħa.

Kif ħriġna minn ġewwa l-Pirâmda, morna nżûru l-Isfinġa. L-Isfinġa hija animâl, maqtugħ minn blâta ħajja, tielgħa mill-art, ġewwa r-ramel, b'ġisem ta' ljun u râs ta' bniedem. Kbîra ħafna, iżda tintilef f'dak il-wisa' kollu, taħt l-għôli tal-Pirâmda. Ma' dwarha hemm xi sotterâni li dawwruhomlna l-Għarab li kien hemm. Ir-ramel minn żmien għall-ieħor, jiġi mar-rîħ min-naħa tas-Sahara, u m'hux ħlief jordom ma' dwar l-Isfinġa u jridu joqogħdu miegħu biex ma jordomx kollox għal dejjem.

Kien hemm Għarbi li ħajjar lil uħûd minna biex itellagħna fuq il-quċċâta tal-Pirâmda. Kien fiha biċċa xogħol jiebsa! Ħarisna 'l fuq. Kemm il-saff ta' ġebel kien hemm? Min jista' jgħid! Trid tliet kwarti qawwija biex tasal fil-quċċâta! Kull saff ġebel fih xi żewġ piedi jew aktar għôli. Trid ikollok riġlejn twâl, nifs qawwi, dgħîf sħiħ u râs jiebsa. Il-Għarbi ġiebha żewġ. Inġbarna xi

ġhaxra u rħejnielha ġħal warajh. Ridna nilħqu mieġħu, imma x'tilħaq! Minn saff ġħal saff jaqbeż donnu ġħafrîd, b'ġħajnejħ maġħlûqa. Kull tlieta jew erba' saffi araħ jinżel kokka fl-art, jistenniena. Wara xi tliet kwarti irnexxielna naslu fuq il-quċċâta fejn hemm daqsxejn ta' wesgħa ċatta. Il-koll bqajna miblugħîn biddehra li nfirxet quddiemna. In-naħa tal-Punent, ix-xâġħri bla tarf: mewġ fuq mewġ, ta' ramel jagħti fl-aħmar; fix-xefaq tat-Tramuntâna, il-baħar Mediterrân; lejn Nofs-inhâr, xi siġar,



L-Eġittu—Dehra tal-Kajr, l-akbar belt ta' l-Eġittu.

fil-boġħod il-boġħod, ma tûl in-Nil, ix-xmara li taħji lill-Eġittu b'ilmijietha bla tarf. Fuq il-Lvant il-firxa bla qjies tal-Kajr, belt sabîħa, kbîra, ħajja, fejn hemm il-fqîr u l-ġħani ħdejn xulxin; il-wieħed isofri, u l-ieħor jistâġħna minn fuqu. Ogħla millpalazzi u d-djar, kienu jsaltnu l-koppli kbâr u wesgħin tal-Moskijjiet, jew knejjes, tal-Misilmîn, u l-minarêti taġħhom, minn fejn l-imwedden isejħilhom tliet darbiet biex isellu l-Allâħ.

Inżûl ix-xemx minn hemm fuq kien xi ħaġa tal-ġħâġeb. Aħmar daġħmi, mħallat bir-ramel taxxâġħri. Fl-aħħar inżilna minn hemm u sibna lil sħâbna jistennewna. Minn hemm fuq konna qeġħdin narawhom donnhom ħafna nemel jiġri fuq irramel! Newwilna l-baqxîx f'idejn il-Ġħârbi u rħejnielha lejn il-Kajr, biex ngħaddu l-lejl fil-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, li laqgħuna bil-qalb kollha.

DUN KARM SANT
(*Jorbot mal-ħarġa li ġejja*).

✝

B'soġħba u ħasra nħabbru l-mewt tas-Sur **MANWEL SANT**, filgħomor ta' 74 sena, li ġrat f'Ħal-Tarxien, fil-jum ġħażiż tal-Ġimgħa l-Kbira.

Għad li hemm wisq x'wieħed jittama li r-ruħ tiegħu qeġħda minn issa fis-sema tithenna bid-dehra tal-Mulej, billi kien raġel mill-aħjar, u tagħa 'l Alla żewġ ħaddiema beżlin fil-qasam tiegħu, jiġifieri ż-żewġ uliedu qassisin, Dun Karm, (li l-kitba tiegħu żejjnet kemm il-darba dana l-Qari), u Dun Ġwann, b'danakollu nixtiequ li l-qarreja tagħna jibqgħu jitolbu ġħal mistrieh ta' ruħu.

Nagħtu s-sabar u l-ġħomor lill-armla tiegħu, is-sinjura Madalen, u lit-tliet uliedu, iż-żewġ qassisin li semmejna u lis-sur Ġużeppi u lil martu s-sinjura Marija u lit-tliet uliedhom, neputijiet tas-sur Manwel.

R.I.P.

L-ISTORJA TA' GERUSALEM

Il-ghorrief ta' żminijietna jghidu li Ġerusalem kellha l-bedu tagħha minn ftit djar mibnijin fuq ilsien ta' art, bejn żewġ widien, qrib ghajn ta' l-ilma li kienet ġewwa ghar f'qiegħ il-wied. Dawk in-nies li kienu jghixu f'dawk id-djar darba waħda ġew imkeċċijin min-nies aqwa minnhom li, fil-Kotba ta' l-Ghaqda l-Qadima, huma msemmijin Kangħanin, meta daħlu fil-Palestina qrib it-3,000 sena qabel it-twielid ta' Kristu. L-ghorrief saru jafu dan mill-ħafna ghodod u fuħħâr ta' Żmien il-Ħaġar u ta' Żmien il-Bronż li nstabu f'dawk l-inħawi.

Il-Ghar mudlam, li ġewwa fih tinsab il-ghajn tal-ilma li bis-saħħa tagħha nbniet Ġerusalem.

Din il-belt ċkejkna, min-naħa tal-Lvant, kienet imħarsa mill-wied ta' Kedron, u min-naħa tal-Punent, mill-wied ta' Tiropeon. Minn wied sa wied, fuq il-lsien ta' l-art, aktarx kien hemm xi sur.

L-ewwel isem li kellha din il-belt kien Uru-Salim. Xi elfejn sena qabel Kristu, jidher li din il-belt kienet waqgħet f'idejn l-Amorrin, taqsima ta' nies minn dawk li kienu jghidulhom Jebusin. L-Amorrin kabbru l-belt min-naħa ta' fuq ta' dak il-lsien li semmejna qabel, u dawruha kollha kemm hi b'sur qawwi. F'nofs il-belt bnew akropli li semmewh Sijon u ghamlu fih altar, jew maqdes, u dar ghas-sultan. Imbagħad minn ġewwa l-belt ħaffru mogħdija taħt l-art ghall-ghajn ta' l-ilma biex ma jmutux bil-ghatx jekk jiġu mdawwrin mill-ghedewwa.

Ghall-ħabta tas-sena 1400 qabel Kristu, din il-belt kienet taħt il-ħakma ta' Fargħun ta' l-Eġittu; in-nies tagħha kienu mħallta u s-sultan kien jismu Ghabed Hbîba, min-nisel tal-Ħittîn. Meta l-Lhud daħlu fil-Palestina s-Sultan ta' Uru-Salim kien jismu Adoni-Sedeq u, fit-taqbida ta' meta "waqfet ix-xemx", ġie megħlub u maqtul minn Ġoswè. Imma l-belt kienet qawwija u, ghalkemm bla sultan, Ġoswè ma setgħax jeħodha.

Meta David laħaq sultan tal-Lhud xi 1,000 sena qabel Kristu, wara li ghaqqad in-nies tiegħu kollha f'ġens wieħed, ried jieħu wkoll Uru-Salim biex jagħmilha l-qalba tad-Din u tal-ġens tiegħu kollu. B'dana kollu ma setax jeħodha lil dik il-belt u, fl-aħħar, ħadha b'taqriqa ghax il-Lhud inteħħu bil-mogħdija ta' l-ilma moħbija taħt l-art, u Joab, il-ġeneral ta' David, daħal minnha bis-suldati u ħa l-belt ghall-gharrieda.

Meta David qabad Uru-Salim, bil-ghajnuna ta' Hiram, sultan tal-Kan-

ġhanin, bena palazz ġhalih fl-akropli ta' Sijon u saħħaħ is-swar tal-belt. Imbaġhad ġieb hemm l-Arka tal-Ġhaqda minn Karjat-Jarim u bena altar fuq l-andar ta' Ornan il-Hitti, minn fejn David kien ra l-Anġlu tal-Mulej wieqaf fuq il-ġholja taż-Żejtun.

Wara David laħaq sultan Salamûn ibnu. Dan raġa' kabbar il-belt u meddha aktar min-naħa ta' fuq ġhal fuq il-ġholja tal-Morja, dejjem bejn iż-żewġ widien ta' Kedron u ta' Tiropeon. Wara ftit Salamun wetta l-quċċata tal-ġholja tal-Morja u bena fuqha tempju 'l Alla, palazz ġhalih u qorti ġhall-kbarât ta' ma dwaru. Imbaġhad, bena belt ġdida fil-punent tal-Morja u, biex jġhaq-qadha mall-belt il-qadima, mela biċċa ġmiela mill-wied ta' Tiropeon. Din il-biċċa tal-wied mimli baqġhet tissemma "Milla" jiġifieri l-*mimlija*. Dan kien l-isbaħ żmien ta' Uru-Salîm ġhax, kif miet Salamûn, il-Lhud in-



Palestina — Il-maqġhad bejn żewġ widjien, fejn inbnew l-ewwel djar ta' Ġerusalem.

qasmu fi tnejn, il-Jeħudin u l-Israelîn u Ġerusalem bdiet sejra lura. Bdew jaħbtu ġhaliha daqqa l-Israelîn, daqqa l-Eġizzjani, drabi l-Filistîn u drabi oħra l-Ġharab tal-Trans-Ġordanja.

Fir-rokna tas-swar, bejn it-Tempju ta' Salamun u l-belt il-ġdida, kienu nbew ħafna djar. Ġhalhekk Hezekija, is-sultan tal-Jehudîn (727-698), meta sama' li l-Assurin kienu ġejjin jaħbtu ġhal saltnatu, bena sur ieħor in-naħa ta' fuq u ġhalaq dawn id-djar il-ġewwa minnu. Ftit fuq mitt sena wara, ġie Nabukodonosor u ħabat ġhal Ġerusalem u ġhelibha u seraq kull ma kien fih it-Tempju u ġarraf is-swar u ħa kotra kbira mill-poplu lsiera lejn il-Babilonja. Dawn l-ilsiera imbaġhad, ġew meħlusin min Kiru, sultan tal-Persja, u ħallihom imorru Ġerusalem. Meta marru hemm, reġġhu bnew it-Tempju u, wara, bis-saħħa tal-ħakem Nehemija, fis-sena 432 qabel Kristu, reġġhu bnew is-swar. Fis-sena 332, Ġerusalem ittieħdet minn Skandar il-Kbir; wara mewtu l-belt ġhaddiet taħt il-ħakma tal-werrieta tieġhu, l-ewwel it-Tolomîn ta' l-Eġittu u mbaġhad is-Selewkin tas-Surija. Wara, fis-sena 170 qabel Kristu, ġie żmien ikrah fuq Ġerusalem. Antijokju Epifân IV ġie Ġreusalem ġhaliex, kif qal hu, hemmhekk kienet sa ssir tixwixa u niġġes it-Tempju; sentejn wara qabbad lill-Apollonju biex iħott is-swar tal-belt, ħataf il-fortezza ta' Akra u kabbarha, u żamm fiha s-suldati Surijin u l-Lhud il-miċħudin. Hemm inqala' Matatija li beda jħarrax linnies ġhal dawk li kienu jaħqruhom. Ġuda l-Makkâbi ħabat ġhas-Surijin u ġhelibhom; ħâ Ġerusalem u saffa t-Tempju. Ġonata qabad il-fortezza ta' Akra u ġiġhel lis-Surijin jitilqu minn Ġerusalem. Dan ġara ġhall-ħabta tas-snin 161-143 qabel Kristu. Taħt Xmun il-Makkâbi, li kien il-Ħâkem ta' Ġerusalem, din il-belt reġġhet ħâdet ir-ruħ. Imma, wara l-mewt ta' Xmun, fis-sena 78-70 qabel Kristu, iż-żewġt aħwa Aristoblu u Hirkânu, iġġieldu u, biex ma

jħalluhomx jitqatlu bejniethom fis-sena 63, il-ġeneral ruman Pompej ħa Ġerusalem. Fis-sena 37 ir-Rumani ġħamlu sultan tal-Palestina lil Erodi l-Kbir mill-Idumeja li kien ħabib tagħhom.

Erodi bena ħafna djar kbar f'Ġerusalem. Bena palazz ġħalih fuq il-ġħolja tal-punent tal-belt u qrib il-palazz ġħamel tliet ibrâġ kbar li kien jisimhom Hippikus, Fasael u Mariamne. Kabbar ukoll il-fortizza Baris fuq r-riħ tat-Tempju, u semmiha "Antonia"; bena t-Tempju mill-ġdid akbar u isbaħ milli kien qabel. Ftit xhur qabel ma miet dan Erodi twieled Ġesù ġewwa Betlehem, qrib Ġerusalem.

Wara Erodi, ibnu Arkelaw laħaq sultan tal-Jehudija, imma dan, ġħall-kefrija tieġħu, fi-sena 6 wara Kristu, ġie mkeċċi u l-Jehudija, b'Ġerusalem, saret Provinċja Rumana b'ħâkem Rumân. Fis-sena 37 w.K., meta telaq Pilatu, il-Jehudija reġġħet ingħatat lill-Agrippa li kien bin-iben Erodi l-Kbir. Agrippa, fis-sena 43, bena sur ieħor, li jiġi r-raba' wieħed, biex jagħlaq id-djar l-ġodda li kienu nbnew n-naħa ta' fuq tal-belt.

Wara Agrippa, il-Jehudija ingħatât mill-ġdid lill-ħakkiema minn Ruma. Wieħed minn dawn, Gessju Floru, kien kiefer wisq mal-Lhud u hekk



Pjan ta' Ġerusalem kif kienet fi żmien Kristu.
(1) *Iċ-Ċenaklu.* (2) *Id-dar ta' Kajjafa.* (3) *Qorti tas-Sanhedrin* (4) *Menqa ta' Hezekija* (5) *Id-dar tal-Makkabin.* (6) *Fortizza "Antonia".* (7) *Menqa tal-Ġħul* (8) *Il-menqa l-qadima* (9) *Menqa ta' Silwan* (10) *Menqa tan-Nagħaġ.*

ġegħlhom iqajmu tixwixa. Vespasjan mar irażżanhom u warajh mar ibnu Titu li ġheleb lil-Lhud. Imbagħad ir-Rumâni ħarqu t-Tempju u waqqgħu s-swar u l-bini ta' Ġerusalem, barra mill-palazz ta' Erodi u t-tliet ibraġ.

Il-Lhud, wara xi żmien, reġgħu qajmu tixwixa oħra għar-Rumani. B'mexxej tagħhom kellhom wieħed Lhudi li kien jismu Bar-Kokba u li kien igħid li hu l-Messija. Il-Lhud, għall-ewwel, żammew jiebes, imma r-Rumani bagħtu ġiebu għadd kbir ta' suldati mis-Surija u bihom tahnu lil-Lhud fi żmien qasir. Dan ġara fi żmien l-Imperatur Adrijân, fis-sena 133 w.K. Adrijân raġa' bena Ġerusalem bħala belt pagana, semmiha *Aelia Kapitolina* u ma ħalliex li jidħlu fiha l-Lhud.

Fis-sena 313 l-Imperatur ta' Ruma Kostantin, tagħa l-ħelsien lill-Knisja Nisranija u bena Bażilka kbira f'Betlehem, fejn twieled Ġesù, u oħra fejn Ġesù miet. U hekk beda żmien ġdid għal Ġerusalem. Imma, fis-sena 614, meta Ġerusalem kienet fl-isbaħ tagħha, marru jaħbtu għaliha, għallgħarrieda, l-Persîn li ħarqu u ħarbtu u serqu kull ma sabu. Aktar minn 62,000 ruħ minnhom ġew maqtulin u 3,000 tfal, bniet u subien, ta' bejn 5 u 12 il-sena, kienu meħudin minnhom lejn il-Persja. Wara li l-Persîn kienu telqu, dawk l-Insâra li kienu ħelsuha reġgħu bdew isewwu l-belt, imma qabel ma laħqu temmew xogħlhom, fis-sena 638, il-Għarab Misilmin ħadu Ġerusalem. Ta' min imma jsemmi li dawn il-Misilmin ma kienux ħorox mall-Insara.

Wara l-Għarab "Ummajjin" ħakmu l-Palestina l-Għarab "Għabbâsin". Għall-ħabta tas-sena 807, il-Ħalif ta' Bugdâd, Harûn ir-Raxîd, bħala turija ta' qima, bagħat l-imfietaħ tal-Qabar ta' Kristu lill-Imperatur Karlumanju. Imma, fis-sena 1010, il-Ħalif Ħakem, li kien miġnun, ġiegħel li jkunu meqruda l-knejjes kollha ta' l-Insara li kien hemm fil-Belt Imqaddsa. Fil-1099 is-suldati tas-salib, jew il-Kroċjati, ħadu lil Ġerusalem, imma mbagħad, fil-1187, dawn ġew imkeċċijin minn l-Għarbi Saleh id-Din. Fil-1219 Ġerusalem ġiet imneżżgħa mis-swar u l-knejjes tagħha mġarrfa, barra mill-Qabar ta' Kristu. Imbagħad sar ftehim ta' għaxar snin bejn l-Imperatur Nisrani Federik II u s-Sultan ta' l-Eġittu "Melek-el-Kâmel" u l-Insara reġgħu tħallew jidħlu f'Ġerusalem. Imbagħad, fil-1244, l-Insara kollha ġew meqrudin mill-Karixmin. Is-slaten Memlukin, Cirkassin u Torok li, wieħed wara l-ieħor ħakmu l-Palestina, ilkoll kienu, ftit jew wisq, għedewwa ta' l-Insara ta' Ġerusalem, l-aktar ta' dawk li kienu mnisslin min-nies ta' l-Ewropa. Fl-aħħar, fid-9 ta' Diċembru 1917, il-qawwiet Ingliżi qabdu l-Ġerusalem u t-Torok kellhom jaħarbu minnha ħin bla waqt u ma għamlu ebda ħsara fil-Belt Imqaddsa.

L-insara kollha ferħu għax Ġerusalem reġgħet ġiet taħt il-ħakma ta' l-Ewropej. Imma il-ferħ tagħhom kellu ħajja qasira, għax fis-sena 1948, fit-30 ta' Ġunju, fis-1 ta' wara nofs inhar, l-Ingliżi, minn rajhom, telqu mill-Palestina u l-Belt Imqaddsa ta' Ġerusalem sefgħet taħt idejn il-Għarab u l-Lhud.

DUN ANTON TABONE

Rgħajja u Mriehel fil-Bibbja

Fid-dinja, sa mill-aktar żmenijiet bikrija, mal-bjiedja, insibu li kien hemm ir-raġħa. Miktub fil-Kotba Mqaddsa li Kajjin kien iressaq quddiem Alla l-ġħelejjel tar-raba u Habiel, l-ewwel u l-aħjar tal-ġħanem u l-ifrat. (Ktieb in-Nisel, IV, 3).

Il-Patrijarki Ġħebrin kienu jgħożżu u jieħdu ħsieb kbir tal-imriehel tagħhom meta kienu fl-art ta' Kangħan, fejn in-nies kienet ħafifa u ġħalhekk huma kellhom il-wisa' li jirgħu l-imriehel tagħhom fejn iridu. Abraham, ma' niesu u l-qaddejja, qasam dik l-art minn fuq ġħal isfel mingħajr ebda xkiel; u waqaf l-ewwel f'Sekem imbagħad f'Betel, minn fejn imbagħad baqa' sejjer lejn in-Neġeb. Meta raġa' l-ura mill-Masar, fejn kien inġabar ħtija tal-qoħta jew *karestija*, li kien hemm f'Kangħan, raġa' mar joqgħod f'Betel.

Wara ftit l-imriehel tiegħu u ta' qaribu Lot, daqs kemm kibru u żdiedu, ma setgħux isibu baqqiegħat bil-ħaxix fejn jirgħu flimkien. Ġħal dan inqala' l-lewm bejn ir-rgħajja tal-wieħed u tal-ieħor u kellhom jinfirdu dan minn dak. Abraham ħalla lil Lot jagħżel fejn irid jirgħa; u billi lil dan ġħoġbitu s-sehla jew *pjanura* ta' ma' dwar il-Ġurdan, li: *qabel ma l-Mulej ġħarraq l-ibliet ta' Usdum u Ghamora, kienet kollha msoqqija donnha ġnien il-Mulej* (Nisel, XIII, 19-11), Abraham telaq lejn Mambre, qrib Hebron.

F'art imnixxfa bix-xemx bħal ma hi l-Palestina, l-ilma kien minn dejjem ta' ħtieġa kbira. Ġħal hekk ir-rgħajja kienu jħaffru bjar fin-nħawi kollha minn fejn jgħaddu bl-imriehel tagħhom, u dawn il-bjar ħafna drabi kienu l-ħtija ta' ġlied bejniethom.

Meta Abi-Melek, is-sultan Filisti ta' Ġerara, ġħamel ftehim ma' Abraham, dana liemu fuq bir tal-ilma, li kien tiegħu u li r-rgħajja tas-sultan kienu ħaduhulu b'saħħa (Nisel, XXI, 25). Wara żmien il-Filistin li kienu ġħajjurin ġħal ġħana li bih kien ġħani Ishak bin Abraham, biex iġiegħeluh jitlaq minn hemm, imlew bit-trab u l-ħaġar il-bjar kollha li Abraham kien ħaffer dik in-naħa (Nisel, XXVI, 13-15). Jagħqub, iben Ishak, li missieru fil-barka li kien bierku kien xtaqlu: *kotra ta' nida mis-sema u semna mill-art* (Nisel, XXVII, 28) kellu wkoll ħafna mriehel li kien kisibhom l-aktar bil-ġħaqal ta' moħħu meta kien f'Harram (Nisel, XXX, 75-43) ġħand ħalu, Laban. Dawn l-imriehel żdiedu wkoll aktar meta kien fil-Masar.

Jusef, bin Jagħqub, billi ried li l-Israelijin jgħammru fil-wetgħa ta' Ġessen, li m'ħux biss kien fiha kotra ta' ħaxix ġħal mergħa, imma wkoll hemmhekk ħutu kienu mifruda mill-Masrijin, biex ma jitniġġsux bil-ħażen tagħhom, nebbaħhom x'ġħandhom jgħidu lil Fargħun, kemm il-darba jsaqsihom x'kienet sengħathom. Qalilhom jgħidulu: *Aħna, il-qaddejja tiegħek, rgħajja, minn tfulitna sallum; sewwa aħna kemm ukoll missirijietna.* U żied: *Ġħandkom tgħidulu hekk biex iħallikom fl-art ta' Ġessen, ġħax il-Masrijin kollha jiskerrhu r-rgħajja tal-ġħanem* (Nisel, XLVI, 33-34).

Tassew li Herodotus jgħid li l-Masrijin kellhom skerrih kbir lejn ir-rgħajja tal-ħnieżer u tal-baqar biss, aktarx ġħal xi ħaġa li kellha x'taqsam mad-Djiena. Il-mibgħeda ġħar-rgħajja tal-ġħenem, bħal ma

kienu l-Israelijin kienet aktarx ġejja milli dak iż-żmien il-Hiksos jew Slaten Rgħajja kienu jaħkmu l-Masar. Mill-mibgħeda tal-ħakkiem barrani, kienet ħaġa ħafifa għal Masrijin li jgħaddu għal mibgħeda tax-xogħol li dawn il-ħakkiema kienu jagħmlu. Hi kif inhi, jekk għand il-Masrijin irrgħajja kienu miskerrha, kienu meqjuma għand il-Ghebrin. U dawn meta daħlu fl-art imwegħda, baqgħu jirgħu l-bħejjem mingħajr mistħija.



Betlehem — Rgħaj Għarb) jirgħa l-merħla tan-nagħaġ.

Mose nnifsu, meta deherlu Alla min-nofs il-ġhollieq u amru joħroġ il-ġens tiegħu mill-jasar tal-Masrijin, kien ġhiejed jirgħa n-ngħaġ ta' ħatnu Jetro, qassis ta' Madjan (Ktieb il-Hruġ, XXXI, 10). U David kien jirgħa n-nagħaġ meta Samwel wasal Betlehem biex jidhnu bħala *re* jew Melek ta' Israel (I Samwel, XVI, 11; XVII, 34). Ab-Xalom, bin David, ukoll kellu l-merħla tiegħu (II Sam. XIII, 23).

Dawk li kienu joħorġu jirgħu l-bħejjem kienu jkunu l-aktar taddrabi qaddejja jew mikrijin. Kienu jkunu ħafna u wieħed fosthom kien ikun maħtur rajjes fuq l-oħrajn. Kull ragħaj aktarx li kien ikun imgħammar b'ħatar u wadab (Levit. XXVII, 32; I Sam XVII, 40; Mik. VII, 14). Fil-ktieb ta' Għejjub (Gob, XXX, 1) u fil-ktieb ta' Isajija (LVI, 10) jinsabu msemmija wkoll il-klieb tarrgħajja li bl-inbieh tagħhom kienu jnebbħu lil sjiedhom li hemm ildbejjeb ma' dwar il-merħla.

Mill-bidu tar-rebbiegħa sal-ħarifa, jew għal ħabta tal-ewwel xita, l-imrieħel kienu (u ġhadhom daż-żmien ukoll) jinżammu fil-berah, f'wetgħat barra mir-rħula. Fil-ġhodu r-rgħajja kienu jieħdu l-imrieħel jirgħu; ġhal nofs inhar jeħduhom f'xi naħa fejn ikun hemm id-dell, biex bix-xemx ħarra ma jimirdux u ħalibhom ma jeħżienx. Ġhal-lejl, imbagħad, kienu jdaħħluhom ġewwa bħal ġhalqa bilħajt tas-sellieħ. Il-bieb tal-ġhalqa kien ikun żgħir u dejjaq, biex huma u deħlin u ħerġin in-nagħaġ, ikunu jistgħu jgħodduhom sewwa, billi ma jistgħux jgħaddu minnu ħlief waħdawaħda. F'kull ġhalqa kienu jinżammu merħeltejn jew tlieta. Ħafna millegħlieqi kien ikun fihom borġ ġholi, li minn fuqu r-rgħajja jaraw il-ġhalqa bil-ġhanem u 'l barra minnha, biex iharsu l-ġhanem mit-tiġrib, sewwa tal-ħallelin kemm ukoll tad-dbejjeb. (Nisel, XXXV, 23; Mik. IV, 8). Fil-

ghodu, imbagħad, jiftħu l-bieb u kull rgħaj igħajjat il-ġħajta tiegħu, li l-bħejjem kienu jagħarfuha, u joħorġu jieqfu ma' dwaru. Imbagħad jeħodhom jirgħu, kollox bħall-jum ta' qabel (ara san Ġwann, X, 1-6).

Ir-rgħajja, billi kienu jkunu qishom dejjem fix-xori, maqtugħin mill-ħajja tan-nies tal-ibliet, ma kienux iħabblu rashom fuq x'tgħid il-Liġi, fuq x'kien ikel ħram u ikel ħorr, anqas fuq il-ħasil tal-idejn u t-tisfija. Għal dan kienu mibgħuda mistkerrha mill-Farisijin. Ma kenux jistgħu jidħlu ġewwa qorti, u x-xhieda tagħhom ma kenitx tiswa, ġħax kienu magħduda kollha b'giddieba u ħallelin (Tosefta, Sanhedrin, V, 5).

Fil-Kotba Mqaddsa bosta drabi jinsabu tixbiehat tar-rgħaj u tal-merħla. Hekk Mose, li kien jirgħa l-ġħanem ta' Jetro, talab 'Alla li jqiegħed f'ras il-Ġħebrin: *Raġel li jidħol u joħroġ quddiemhom, li jeħodhom u jġibhom, u li Ġens Alla ma jibqax bħala merħla bla rgħaj.* (Ktieb il-Ġħadd, XXVII, 16-17). U David, imbikki, ġħal mard li kien ħakem lin-nies tiegħu, ġħajjat quddiem Alla u qal: *Mulejja, mhux jien dnibt? Mhux jien amart li jingħaddu n-nies? Xi ħtija ġħandha din il-merħla?* (I. Par. XXI, 27).

Fis-Salmi bosta drabi Alla n-Nifsu mxebbaħ lir-rgħaj (ara fost oħrajn: Salmi, XXII, LXXIX, XCIV, XCIX). Ta' ġmiel barrani huwa l-kliem tas-Salm XXII:

Il-Mulej huwa r-rgħaj tiegħi,
xejn ma jonqosni.
F'mergħa bil-ħaxix iqegħedni.
Fuq i-ilmijiet bierda jwaqqafni.
U jsaħħaħli ħajti
Imexxini f'toroq watja, ġħall-Isem Tiegħu.

Il-Profeti, daqqa jeħduha mar-rgħajja l-ħżiena u daqqa jxebbhu lil Jahwe (jiġifieri Alla tal-Lhud) u lill-Messija li kellu jiġi, ma' rgħaj tal-ġens Lhudi (Isajija, XL, II; Ger. III, 15; XXIII, 1-4; Ezek. XXXIV, 2,5, 11,15,23). Biżżejjed li wieħed isemmi lil Ġeremija, XXIII, 1-4, illi qal: *Ħażin ġħar-rgħajja li jferrxu u jħarbu l-merħla tiegħi ,jgħid il-Mulej!... Intom merridtu n-ngħaġ tal-merħla tiegħi, intom ħarbattuhom... Jiena niġbor il-fdal tal-meħla tiegħi minnaħat kollha u nqiegħed fuqhom rgħajja li jirgħuhom.*

U din it-tixbiha tar-rgħaj u tal-merħla, tinsab ukoll fil-Kotba tal-Ġħaqda l-Ġdida. Ġesù jistqarr li ma kienx mibgħut ħlief ġħan-nagħaġ mitlufa ta' dar Israel (Matt, IX, 36; XV, 24). Lil Pietru, bħal rgħaj, iqabbdu jirgħa n-nagħaġ tal-merħla tiegħu (Ġwann, XXI, 16-17). Barra minn dan, tliet darbiet oħra jxebbaħ ix-xbieha tar-rgħaj u l-merħla (Ġwann, X, 1-16; Luqa XV, 3-7; Matt. XV, 31-33). San Pietru fl-Ewwel Ittra tiegħu (II, 35), jikteb: *Kontu bħala nagħaġ mitlufa, imma rġajtu ġħar-rgħaj u l-Isqof tar-ruħ tagħkom.*

Fil-Kotba Mqaddsa, fl-imkien mannagħaġ, huma msemmija wkoll bosta drabi l-mogħoż u l-gidjien u l-kbiex. Dawna, ġħall-jebusija ta' rashom u s-sefqa ta' wiċċhom, jixxebbħu mannies il-ħżiena. Nhar il-Ħaqq, fl-aħħar tad-dinja, lil dawna, kif ikunu mqegħdin fuq ix-xellug, Ġesù, bħala Re u Mħallef, jaqtagħlhom il-qada tal-biża': *Warrbu minni, ja mishutin! Morru fin-nar ta' dejjem, li kien imħejji ġħax-xitan u ġħal sħabu, ġħax kont fil-ħtieġa u ma ġħentunix!* (Matt. XXV, 41).

PATRI G. FACCIO O.F.M.

L-IGBLA TAL-KARMELU

Dik li jgħidulha Muntanja tal-Karmelu, ma hix muntanja waħda; hija sinsla ta' iġbla li fiha tul ta' xi ħmistaxer mil, u wisa' minn tmienja sa ħamsa; u l-ogħli tagħha, għal xi nofsha, hu ta' xi ftit 'il fuq minn elf u tminn-mitt xiber Ingliż. Dis-sinsla tinqata' mill-iġbla ta' nofs il-Palestina; u mill-Qibla-Xerqi (south-east) tibqa sejra lejn ix-Xmiel-Għarbi (north-west), u tintemm f'niżla wieqfa, fuq il-baħar Mediterran. Dis-sinsla fil-qedem kienet il-ħadd li jifred il-Galilija mis-Samarija.

Dawn l-iġbla fihom fuqhom għadd ta' widjien u kotra kbira ta' għerien żgħar, imdaqqsin u kbar, li fihom kienu jħobbu jistaħbew in-nies il-maħruba (Amos, IX, 2-3); u miksijin bis-siġar qosra u bil-ħaxix u l-aktar bl-*erbabjanka*, li l-Għarab ta' dik in-naħa jgħidulha Leħja ta' sant Elija. Fil-kitba tal-Għaqda l-Qadima, il-Karmel, għal ġmiel tiegħu jinġieb bħala xbiha tal-ħajr u l-barka (Kant. VII, 5; Isaja, XXXV, 2).

Mill-Arkeoloġija jidher li l-ewwel nies li għammru l-Karmel u ma' dwaru, kienu l-Feniċi. Fost is-slaten tax-Xmiel li ngħaqdu biex iħarsu lill-Karmel, meta fi żmien Ġożwè, daħlu l-Palestina l-Lhud, kien hemm wieħed jismu Jeħanôn, *sultan il-Karmel*, u żewġ slaten tal-bliet tal-qrib, Meġiddo u Tenak (Ġożwè, XI, 21-22). Dawn l-iġbla minn dejjem kienu magħduda li kienu xi ħaġa mqaddsa; fil-kotba ta' żmien Tutmos III, sultan tal-Eġittu (1479 qabel Kristu), il-Karmel jingħad li kien il-Ġebel Imqaddes tal-Feniċi, u t-tarf tiegħu kienu jgħidulu *Rasu-Qudsu*, jiġifieri Ras-Qaddisa.

Mill-eqdem żmenijiet l-Iġbla tal-Karmelu għal ġmiel u l-ġholi tagħhom, kienu magħduda bħala l-aktar post fid-dinja magħżul għal qima tassema. Fl-ewwel ktieb tas-slaten (XVIII, 21-40) hemm miktuba l-ġrajja tal-Profeta Elija u l-qassisin ta' Bagħal, jiġifieri li hemm fuq kienet tingħata qima sew lill Alla tas-sewwa, kemm ukoll lill alla tal-Kangħanîn.

Il-kittieb Ruman Tacitus (Historia II, 28), jgħid li fuq il-Karmel kienet tingħata qima lil Alla li ma kellux statwa, anqas knisja, imma artal biss taħt l-iżraq tas-sema. Vespasjanu meta niżel l-art f'Tolemajs (illum mill-Għarab imsemmija Għakka, u San Ġwann t'Akri mill-Ewropîn), baqa' sejjer fuq il-Karmel u tagħa qima lill Alla qabel ma beda l-ħrieb mal-Lhud, fis-sena W.K. 68. Pitâgora (Seklu II Q.K.), kien wisq drabi jmur fuq il-Karmel, joqgħod hemm waħdu, jaħseb u jitlob 'l Alla, bgħid minn ħsejjes iḍ-dinja.

Imma l-muntanja tal-Karmelu l-aktar li hi msemmija għal ġrajjiet li għandhom x'jaqsmu mal-profeta Elija. Aħab, sultan ta' Iżrael, biżżgħil ta' martu Jeżabel, bint is-sultan ta' Sajda, qaleb għall-idolatrija. U billi dak iż-żmien in-nies bi nkejja fihom kien ikollhom iħaddnu din is-sultan tagħhom, il-poplu ta' Iżrael ukoll kellu jagħti qima lill-allat li kien irid is-sultan. Elija qabeż għad-Din t'Alla tas-sewwa u ġieġħel lil Aħab li jlaqqa' fuq Ġebel Karmel lill-poplu u lil qassisin ta' Bagħal, biex jingħaraf darba għal dejem min kien Alla tas-sewwa. Alla bagħat nâr missema u ħaraq il-ħuġġieġa ta' Elija, ħaġa li ma setgħux jagħmlu l-qassisin tas-sultan. Għal dan erba' mija u ħamsin (450) qassis ħażin, kienu maqtula (III Slaten, XVIII, XIX).

Wara dil-ġrajja bit-talb ta' Elija dehret is-sħaba li wara għamlet ix-xita u reġgħet il-ġid u r-riżq fuq art Iżrael, ħaġa li l-Insara wara xebbħuha mal-Madonna, li tagħat lid-dinja lil Ġesù li reġa' fetaħ għal ulied Adam il-bieb tal-ġenna. Għalhekk minn żmien qadim wisq l-Insara qiesu *l-muntanja* tal-Karmelu bħala art magħżula mill-Madonna.

Minn żmien il-Profeta Elija, ir-rħieb li kienu jgħammru fuq il-Karmelu ma qatgħu xejn, sa kemm fuq dawk l-iġbla marru jgħammru r-rħieb Karmelitani. Għadd kbir ta' rħieb Lhud, bħal ma kienu s-Sinnija (jew Essenîn) għammru l-Karmelu u warajhom malajr daħlu r-rħieb Insara; ara kemm li San Djonisju, San Serapjun u Sant Onofriju, fis-seklu III W.K. kienu jgħammru fuq il-Karmelu. Ir-rħieb ta' dak iż-żmien kienu jgħammru ġewwa l-eġħrien li għadhom hemm sal-lum, u f'xi grieni u għadu magħruf sewwa l-għar fejn kien jgħammar Sant Onofriju. Fis-sena 570 wieħed żawwâr minn Pjaċenza, ra b'għajnejh id-Dejr ta' Sant Eliżew (li fis-sena 1913 insabu l-fdalijiet tiegħu) li aktarx kien imġarraf minn Kosra fis-sena 612.

Fis-sena 1182 wieħed jismu Ġwanni Foca, isemmi li ħada l-għar ta' Sant Elija ra ħerba ta' dejr qadim. U jgħid ukoll li wieħed raħeb Taljan Berthold de Limoges, ma' għaxra minn sħabu, rħieb Griegi, mar jgħammar fuq il-Karmel. Fi żmien dal-qaddis (fis-sena 1212), birrieda tal-Patrijarka ta' Ġerusalem, ir-rħieb li kienu jgħammru hemm bnew naqra ta' knisja, u dejr żgħir ma' ġenb il-ħerba u aktarx mill-ħaġar tad-dejr il-qadim; u ħadu r-regla tal-Karmelu, u Berthold kien l-ewwel Prijur. U hekk beda l-Ordni Karmlitan.

Fis-sena 1235 fuq il-Karmelu kien hemm dejr u knisja ta' Santa Margarita, li kienu mgħammra minn irħieb Griegi. Wara t-telfa tal-Insara fis-17 t'Ottubru, il-Għarab Misilmîn ħarqu d-dejr tal-Karmelu u qatlu bla ħniena r-rħieb kollha li kienu miġbura fil-kor tal-knisja.

Sas-sena 1631 il-Karmelu baqa' mingħajr dejr tar-rħieb. F'dik is-sena imma wieħed raħab Karmlitan, Patri Prospru, fuq qatiegħ talb u tħannîn, u ħlas ta' ħames mitt ġirx, qala' l-ħalla mingħand l-Emîr li jgħammar hemmhekk. Dak iż-żmien dal-Karm-



Ħajfa, Israel — Id-Dejr il-kbir tar-Rħieb Karmlitani u f'nofs il-misraħ il-kolonna bl-istatwa tal-Madonna, u ħdejha l-qabar tas-suldati Franċiżi li mietu hemm fil-ġwerra ta' Napuljun.

litan kien mgħejjun wisq mir-rħieb Franġiskani ta' Nazaret (għax Nzaret ma hux bgħid wisq mill-Karmelu). Wisq drabi żammewh għandhom u għenuh bil-flus milli setgħu, u tawh rajhom x'l-aħjar li kellu jagħmel biex jegħleb it-tfixkil. Il-Griegi qalu li hemmhekk kien tagħhom u ma redux jagħtu l-wisa' lil Patri Prospru. Imma kellhom jitilqu bis-saħħa tal-ħidma tal-Konslu Franċiż, Mark Dorat, fi Frar tassena 1633.

Fis-sena 1761 id-dejr tal-Karmlitani safa maħruq mis-suldati ta' Dâher-il-Ġhamer, il-Ħâkem ta' Ġhakka (San Ġwann t'Akri). Il-Karmlitani li kienu hemm reġgħu marru lejn l-Ewropa, imma ftit wara raġa' ġie Patri Filipup mil-Lombardija li bena dejr ġdid b'amar is-sultan Tork, ta' Kostantinopli, li l-ewwel ħaġra tiegħu tqiegħdet fis-17 ta' Novembru 1767. Imma sitta u ġhoxrin sena wara Ibrahim il-Laħħâm (jew aħjar il-Ġażżar, kif l-aktar li kien imsemmi), ħâkem ta' Ġhakka, raġa', ħabat għad-dejr u serqu u keċċa r-rħieb li kien hemm. Waqqa' d-dejr u bil-ħaġar tiegħu, Ġhabd-Allah, il-Bâxa ta' hemm, bena palazz fuq il-Karmel.

Fil-bidu tal-ewwel Gwerra Dinjija, fl-1914, il-Karmlitani kienu mkeċċija minn fuq il-Karmel; imma kif il-gwerra ħdiet, reġgħu ġew fejn kienu u sewwew id-dejr tagħhom. Id-dejr issa ġhandu ġhamla ta' fortizza, bil-ħitan wesgħin u t-twieqi żgħar bix-xtâbi tal-ħadid oħxon. Il-knisja qegħda f'nofs il-bini, biex kemm jista' jkun ma tidherx. Il-bini ġhandu ġhamla mrebbgħa; il-faċċata fiha tul ta' sittin metru u l-ġnieb ta' tnejn u tletin. Fil-wesgħa quddiem id-dejr hemm statwa tal-Madonna tal-Karmelu, wieqfa fuq *kolonna* jew ġhamûda tar-rħâm.

Il-Knisja hija ta' stil Grieg (Jòniku), imżejna bi rħâm u mużajk u bronż. Fuq l-artal ġewwa niċċa hemm statwa tal-Madonna tal-Karmelu, imsemmija wisq ġhall-egħġubi-

Hajfa, Israel — Il-Knisja tar-Rhieb Karmlitani, minn ġewwa. Fuq l-artal tidher in-niċċa bl-istatwa tal-Madonna.

jiet li tagħmel. Din l-istatwa biex waslet f'dik il-knisja, fejn tinsab issa, damet tbaħħar tnaxer sena, u ġhaddiet ukoll minn Malta, u kull fejn kienet, ġhamlet wisq egħġubijiet u tagħat wisq grazzji. Meta kienet Ruma il-Papa Piju VII, ħa din l-istatwa ġhal xi żmien fil-kappella tiegħu privata u berikha hu b'idejh.

Kull Nisrani li jżur il-Karmel u jidħol il-knisja, jinġibed lejn dak il-wiċċ ħanîn tal-Madonna u l-ħlewwa tal-Iben tagħha fi ħdânha. U jrid u ma jridx, toħroġlu minn qalbu u fommu: "Sliem ġhalik Sultana, Omm tal-ħniena!, Ħajja, Ħlewwa, u Tama tagħna!"

R. MAGLIOCCO

IL-MEZUZA

Malli wieħed Lhûdi, jixtri, jew jikri dâr, meta jmur jgħammar fiha, qabel kollox, jaħseb biex iqaddisha bl-ewwel tifkîra t'Alla. U din it-tifkîra t'Alla hu dak li hemm mamûr, jew ikkmandat fil-Ktieb tad-Dewteronomju, taqsima VI vers 9: "Għandek tikteb kliem il-Liġi fuq il-ħwieser u fuq il-għatba ta' bieb darek". Għalhekk, l-ewwel ħaġa li jagħmel il-Lhûdi fid-dar il-ġdida hi li, ftit fil-għoli, fil-ħieser il-lemîni tal-bieb ta' barra u fil-ħieser ta' kull bieb ieħor tal-kmâmar ta' ġewwa, iwaħħal imserka — tal-ġhewwied, tal-ħġieġ jew tal-ħadîd — twila minn 2 sa 4 pulżieri, li ġewwa fiha jkun hemm biċċa ġilda żgħira ta' xi bhima safja — baqra, nagħġa, jew mogħża bi kliem miktub fiha meħud mill-Kotba Mqaddsa. Din l-imserka bil-ġilda miktuba ġewwa fiha, jgħidulha *Meżuża*.

Il-kelmiet li jkun fiha miktûba l-Meżuża, f'naħa waħda, huma dawk li hemm fil-ktieb tad-Dewteronomju, taqsima VI, versi minn 4 sa 9, u li semmiehom ukoll sidna Ġesù Kristu (ara San Mark, taqsima XII, versi 29 u 30): "Isma' ja Israel: il-Mulej Alla tiegħek huwa Alla wieħed; u għandek tħobb 'l Alla tiegħek b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u b'saħħtek kollha".

Fin-naħa l-oħra tal-ġilda tal-Meżuża il-kitba tkun mill-ktieb tad-Dewteronomju wkoll, taqsima XI, versi minn 13 sa 20. "Jiena namar għalikom f'dan il-jum li tħobbu 'l Mulej Alla tagħkom u taqduh b'qalbkom kollha, u b'ruħkom kollha, biex jagħtikom ix-xita għar-raba tagħkom fil-waqt tagħha, biex ikollkom qamħ u nbit u żejt għalikom, u ħaxîx għal bhejjem tagħkom. Biex ikollkom x'tieklu bix-xaba' u tkunu ħienja. Ara li ma titqarrqux, u tagħtu qima lil'l-allat għariba! Għax inkella Alla tagħkom ma jagħtikomx ix-xita, u l-art ma tagħmlilkomx ġhelejjel, u intom fi żmien qasir tinqerdu. Għalhekk għandkom tnaqqxu dal-kliem f'qalbkom u f'ruħkom, u tgħallmuh lil uliedkom, u tiktbuh fuq ħieser il-bieb tad-dħul ta' dârkom".

L-imserka li ġewwa fiha jkun miktûb dan il-kliem, għandu jkun fiha toqba żgħira fit-tul tagħha li minnha tkun tidher u tinqara l-kelma *Xaddaj*, jiġifieri: *Jista' kollox*. Il-ġilda trid tkun miftaqda minn żmien għal żmien, biex jaraw jekk hix kollox sewwa. Jekk il-linka tagħha tkun tfiet, il-ġilda għandha titbiddel ma waħda oħra ġdida; meta tkun titwaħħal mal-bieb għandha tingħad talba u barka u foħrija 'l Alla, talli tagħa lil-Lhud dana l-amar. Il-Lhud li jħarsu Dinhom (għax il-lum hemm għadd kbir ta' Lhud li mid-din tagħhom ma jħarsu xejn, jew qisu xejn ħlief il-ħtîn, jew *ċirkunċizzjoni*) meta jgħaddu minn ma' ġenb il-Meżuża, imissuha u jbusu subgħajhom bil-qima (1).

Din il-Meżuża titqiegħed hemm biex tfakkar lil ulied Israel l-aqwa amar li tagħa Alla lil misserjiethom, u l-ħtieġa li titqaddes id-dar bit-tagħlîm tad-Djiena, biex Alla jħarsilhom id-dar u jħâres ukol lilhom, li jgħammru fiha, minn kull ħsâra. Il-Meżuża hija bħala seħer, u aktarx li tfakkar

fid-demm tal-ħaruf li l-Israelijin żebgħu mal-ħwieser tal-bibien tagħhom meta l-Anġlu t'Alla qatel lil bikrijin tal-Eġittu (Ktieb il-Ħruġ, XII, 22-23), biex huma jitħârsu minn kull deni meta jgħaddi l-Anġlu t'Alla.

Li l-ġhan tal-Meżuża huwa bħal seħer biex jitħarsu mid-deni, jidher ċar ġhax il-Lhud jemmnu wisq bil-ħarsien mid-deni, meta jkollhom xi ħaġa fuqhom bħala seħer. Ġhalhekk iħobbu jżommu wkoll fuqhom biċċa ġilda ġewwa borża tax-xoqqa (2) li jkun fiha miktub xi kliem imqaddes bil-lingwa Ġhebranija. Ġhamla oħra hija qalb żgħira tad-deheb, li tiddendel fil-ġhonq, li jkun fiha miktûb fuqha l-kelma li semmejna l-ewwel: *Xaddaj*, jiġifieri: jista' kollox, minnaħa l-waħda, u l-luħ ta' David (jiġifieri żewġ trijangli kontra xulxin, li jagħmlu bħal stilla b'sitt ponot), min-naħa l-oħra. Kemm hija ħaġa meħtieġa li jilbsu fuqhom xi ġhamla ta' seħer biex tħarishom mill-ħsara, jidher, ġhax ġhandhom il-ħalla jew *permess* li jilbsuhom saħansitra nhar ta' Sibt, bla ma jagħmlu ħtija. Fiżżmenijiet tan-nofs, il-ħatem tal-ġharusa kien ikollu miktub fuqu żewġ kelmiet: *Mazel Tov*, jiġifieri: *Xorti Tajba* u kien mitwemmen li b'daqs hekk il-ġharûsa titħâres minn kull ġhajn. Il-lum ukoll, ġhall-ġharajjes hemm ħwietem minqûxa bl-isem t'Alla (Jahwe), biex iħarishom mill-ġhajn ħażîna.

Ħaġa oħra li tixbaħ lil Meżuża u li tinsab fid-djar ta' wisq Lhud, hija l-*Mizrakh*, li jista' jkun t'iex ikun: tal-karta, tal-ġhewwied, tal-ħarîr jew tal-bellus imtarraż jew irrakkmat. Il-kelma *Mizrakh* tfisser ix-Xerq, jiġifieri n-naħa minn fejn titla' x-xemx. Il-Miżrakh jitqiegħed ġewwa *gwarnić*, u jiddendel mal-ħajt li jħares lejn tlugħ ix-xemx, biex nies id-dâr, meta jitolbu, joqoġhdu wiċċhom il dik in-naħa (3). Fil-Mizrakh ikun hemm miktub il-vers 3 tas-Salm CXII: "Minn tlugħ ix-xemx sa nżulħa, jitfaħħar l-Isem t'Alla!"

P. Ubertinu Berti O.F.M.

---

(1) Aħna l-Maltin ukoll ġhandna dil-ġhada li mmissu xi ħaġa mqaddsa u nbusu subġhajna. F'kemm il-knisja, hawn Malta, kif tidħol il-bieb, ikun hemm plakka bis-salib ta' san Benedittu li nbusuh bħal ma l-Lhud ibusu l-Meżuża.

(2) L-Insara tal-Palestina jagħmlu hekk ukoll. Ġewwa l-borża tax-xoqqa jkun hemm karta b'xi talba miktuba fiha. Il-borża tkun żgħira, ftit iżgħar minn *labtu*, minn dawn li naraw Malta, u l-karta tkun mitwija ġewwa fiha. Idendluha l-aktar f'ġhonq it-tfal, u jġhidulha "ħġâb".

(3) Il-Misilmin ukoll iħobbu jiktbu kliem mill-Qorân, iqeġhduh fi *gwarnić* u idendluh mal-ħajt, ġewwa d-dar. Wieħed Mislem minn Betġhanja kellu kitba bħal din imdendla mal-ħajt li ġhadni niftakar ġewwa li kien fiha miktub dal-kliem: "Ja fattâh, ja ġhalîm; ja rażżâq, ja karîm!" Dawn il-kelmiet qishom xi talba ta' fil-ġhodu, imma ma nafx humiex fil-Qorân. "Fattâh" tfisser bħal Malti (ara l-qawl: *Alla FETTIEH mingħajr muftieħ*); "ġhalîm" tfisser ġharef; "rażżaq", *li jġib ir-riżq*; "karîm", dak li bit-Talian jġhidulu *generoso*. (In-noti tal-Editur).

TISLIM IL-GHARAB

In-nies tax-Xerq, kienu minn dejjem, u ghadhom issa, marbutin wisq mad-drawwiet il-qodma taghhom; sewwa drawwiet li jmissu d-Djiena, kemm li jmissu l-ghajla u d-dar u l-imgieba tajba. Ghaddew mijiet ta' snin, u mijiet ohra ghad iridu jghaddu u d-drawwiet taghhom ma tbiddlux, u anqas ma jidher li ghad jitbiddlu. Il-ghajla, id-Djiena u l-ilbies taghhom baqghu dejjem bla mibdûla, barra minn xi tibgil żghir li m'hux ta' min iqîsu.

Ghad li lil wisq nies Ewropîn drawwiet il-Gharab jidhru gharîba, jekk tarahom minn qrib u tiflihom sewwa, issib fihom wisq x'wieħed jitghallem u jfahhar. Min ma semghax bl-imgîba tajba tal-Gharab mal-barrâni? Il-Gharab minhom infushom huma nies li jhobbu jgibu ruhhom tajjeb (u drabi tajjeb iż-żejjed) malghorba u mal-hbieb. Ghandhom ghożża hekk kbira ghall-ohrajn, li drabi jibqghu huma nfushom neqsin mill-mehtieg, u jseffqu wiccchom u jisselfu, biex jaraw hieni lil min jidhol taht is-saqaf taghhom. Il-Gharbi, huwa u miexi, sew fil-ghodu kemm fil-ghaxija, jsellem lil kull min jiltaqa' mieghu, u jsellimlu bi kliem mill-isbah, Fil-ghodu: *Nhârek saghîd*!, jew *Sabah in-nur*! Jigifieri: "(Nixtieqlek) nhar rizqu tajjeb!" jew "(Nixtieqlek) ghodwa mdawla!" jew fil-ghaxija: *Lejltek saghîda*! jew *Mesek bil-hajr*! Jigifieri: "Lejla rizqha tajjeb", jew: "Il-ghaxija tieghek tkun bil-gid!". Inkella: *Alla jahfżak*!, jew ukoll: *Is-salâm ghalîk*! Jigifieri: "Alla jharsek!" jew "Issliema tkun fuqek!" Meta tismaghhom isellmulek hekk, tistħajjlek ghiejed tghix fost l-ewwel Insâra, li mimlijin bl-imhabba lejn ghajrhom, kienu jsellmu wieħed lill-ieħor b'dik it-tislima li l-Mulej Ġesù kien sellem biha lill-Appostli fiċ-Ċenaklu, wara li qam minn bejn l-imwiet. Dan it-tislîm jaqbel wisq biex wieħed jibda tajjeb in-nhâr, ghax jimla l-qalb bilhegga u s-sahha, bit-tama u t-twemmîn; u jekk jiltaqa' ma xi ghawg minn ghodu, u la jiddallam il-mohh, anqas titbattal il-qalb mis-sliema.

***Palestina — Żewġt irġiel Gharab** isellmu lil xulxin; wieħed minnhom liebes "farwa", jew ġakketta talġild tal-hrief bis-suf b'kolloх.*

Il-laqgha ta' żewgt ihbieb Gharab u t-tislim li jsellmu lil xulxin, lill-Ewropin aktarx li ggieghlhom jidhku; imma meta tifhimhom, juru wisq irqaqât tal-imgiba tajba Gharbija. Il-laqgha tkun dejjem twîla u mimlija

bi kliem li ilu jingħad mijiet kbâr ta' snîn, min-nisel għal nisel. U b'tislim li ma jehda qatt, li jfixkel lil min ma jkunx imħarreġ fih. Il-ħbieb, malli jaraw wieħed lill-ieħor, jersqu lejn

*

"Sliem għalik, għażiż Abu-Ibrahim. (2) Kif int? 'K Alla jrid, tajjeb!"

"Sliem għalik, għażiż Abu-Ħabîb. Merħba bik! Jien għal ħniena t'Alla, tajjeb. U int? 'K Alla jrid, tajjeb int ukoll!"

"Niżżi ħajr 'l Alla, tajjeb. Alla jħarsek minn kull ħsâra."

"Niżżik ħajr. Alla jtawwallek għomrok u jbierkek, u jħârsek għal uliedek, Alla jberikom. Kif inhuma?"

"Għal ħniena t'Alla, tajbin u jsellu għalik. U niesek, kif inhuma? U missierek u ommok, u l-mara u t-tfal — Alla jberikom — 'k Alla jrid ma għandhom xejn ta' ħsara".

"Niżżi ħajr 'l Alla, tajbin kemm jista' jkun u jbusûlek idejk."

"Alla jħârsek u jtawwallek għomrok, għażiż Abu-Ħabîb. Imma — Alla jbierkek — tidhirli li int itwal minn qabel!"

"Sidna jharsek minn kull deni, għażiż Abu-Ibrahîm. Kollox minn Alla, it-tul u l-qosor; kollox minn Alla!"

"Tas-sew, Hija s-sewwa. Kollox jiġi minn Alla. Alla ħanîn u kbîr. Imbierka l-libsa l-ġdida li għandek. Qegħda sew għad-daqs tiegħek. 'K Alla jrid tkunlek libsa tas-saħħa u l-ġħafja"

"Alla jħarsek u jlibbsek il-libsa tar-riżq u l-ġħana, lilek ukoll. Kif inhi l-qaġħda? 'K Alla jrid kollox sew?"

"Tajba tas-sew, niżżi ħajr 'l Alla. U tiegħek? U kif inhuma ħbiebna u dawk li jafuna? 'K Alla jrid tajbin."

xulxîn, jagħfsu l-id il-leminija l-wieħed tal-ieħor, u mbagħad iqegħduha fuq sidirhom. Il-kliem li jgħidu qisu dan li ġej, fix-xellug bil-Malti u fil-lemin bil-Ġħarbi (1).

* * *

Salamât, ja ġħażiżi Abu-Ibrahîm. Kif ħâlak? An xâq Allâħ, tajjeb!

Salamât, ja ġħażiżi Abu-Ħabîb. Aħlan u saħlan. Ana wal-ħamdu 'l Illâħ bi ħajr. Wa anta? An xâq Allâħ anta tajjeb!

Al-ħamdu 'l Illâħ bi ħajr. Allâħ jaħfżak minn kull qaża.

Axkurak. Allâħ jtawwal ġħomrok u jbârak fik, wa jaħfżak li awlâdek, Allâħ jubârak fihom. Kif ħâlhom?

Al-ħamdu 'l Illâħ, tajbin wa jsallmu ġħalik. Wa aħlak, kif ħalhom? Wa l-wâlidejn, wa s-sidt ħormtak? Wa l-awlâd — Allâħ jubârak fihom — anxâq Allâħ ma ilhom xarr.

Al-ħamdu 'l Illâħ, ġħala aħsan il-ħâl, wa jabûsu jadajk.

Allâħ jaħfżak u jatûl ġħomrok, ja ġħażiżi Abu-Ħabîb, wa lâken — Allah jubârak fik — tubajjen li annak atwal minn al-awwal!

Rabbna jaħfżak minn kull qaża, ja ġħażiżi Abu-Ibraħîm, kollu minn Allâħ, at-tul wal-qosor; kollu minn Allâħ!

Saħîħ Ha' saħîħ, koll xi minn Allâħ. Allâħ raħîm wa kebîr. Mabrûk it-tôb el-ġedîd li lebisha! Muntaseb ġħala qiddek! An xâq Allâħ jakûn lek tôb is-siħħa wal-ġħafja!

Allâħ jaħfżek wa jlabbsek anta kamân tôb er-reżeq u l-ġħana! Kif al-aħwâl? An xâq Allâħ ħajr!

Ġħân saħîħ ħajr, wal-ħamdu 'l Allâħ. Wa kif aħwâl anta? Wa kif aħwâl sħâbna wa maġħrifîna? An xâq Allâħ jakûnu bi ħajr.

"Tassew, għal ħniena t'Alla, kollha tajbin, u jsellu għalik. Nitma li ħadd minn tiegħek ma għandu xejn ta' ħsara".

"Kull ħadd tajjeb. Ibrahîm biss ftit marîd. Alla jbiegħed minnek iddeni" (3).

Alla kbîr u ħanîn Alla jfejqu ma jdumx u jagħtih is-saħħa!"

"Ma għandu xejn u ma jdumx ma jfiq, 'k Alla jrid. Kollox jiġi minnu. Imma ma tridx toqgħod ftit, u nixorbu belgħa kafè bis-saħħa tiegħek?"

"Le, niżżik ħajr. Alla jħarsek u jtawwallek ħajtek. Dal-waqt jidlam u ma nistax. Imma Alla jħares il-kafè u lil sidu. Narġa' narak. Ibqa' iftakar fija. Is-sliema!"

"Alla jagħtik is-saħħa u (għada) jagħtik għodwa tajba."

Fil-ħaqîqa, wal-ħamdu 'l Illâħ, kollhom bi ħajr u jsallmu għalîk. An xâq Allâħ ma ħada minn aħlak għalîhu qaża.

Kollhom bi ħajr, illa Ibrâħîm marid xwejja. Allâħ jibgħed għannek kull xarr.

Allâħ kebîr wa raħîn. An xâq Allaħ għan qarîb jexfihu, wa jagħtih el-għafja.

Ma ilu xaj, wa ħâlan jatîb, an xâq Allâħ. Kollu minn għandu. Wa lâken ma titfaddal xwejje, naxrab fingân qahwe bi ħaseb sîħħtek?

La, axkorak. Allâħ, jaħfżak wa jtawwal għomrok. Id-dinja lejl wa ma aqdarx. Amma' Allâħ jaħfaż al-qahwe wa saħîbha. Ila l-laqa' Aftakarni dêjmen. Mas-salâma.

Allâħ jusallamak! Wa (bukra) bil-ħajr!

* * *

Jekk iż-żewġt iħbieb Għarab ikunu minn dawk li jgħidulhom Bedu (4) jibqgħu sejrin bil-mistoqsijiet; l-ewwel għan-nies, imbagħad ukoll għal bhejjem: għal kelb, għal ħmâr, għal ġemel; għal mogħoż u n-nagħaġ u l-baqar. Wara li jkunu saqsew għal kull ħadd u għal kull ħâġa, kif għadna kemm ghedna, jerġgħu jibdew mill-ġdid għal xi darbtejn jew tlieta, itennu qisu l-kliem kollu li jkunu qalu qabel. Fl-aħħar jâgħtu x-xewqât it-tajba wieħed lill-ieħor, u jibgħâtu jsellu għal ħbieb. Qabel ma jingħażlu, jerġgħu jieħdu b'id xulxîn, jagħfsuha għafsa qawwija u jmissu sidirhom.

Imma wara dawn il-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, wisq drabi dawn il-ħbieb jreġgħu jinfirdu bla ma jsîru jâfu ebda ħâġa ġdida fuq dak li jkunu saqsew. Dan jiġri għax kull ma jsaqsi l-wieħed, l-ieħor iwieġeb mhux kif ghandu jwieġeb ta' bil-ħaqq imma kif titlob id-drawwa tagħhom. Għal kull min issaqsih, il-Għarbi, jwieġeb dejjem li hu tajjeb, imqar jekk ma jkunx. Fi lsienu dejjem it-



Palestina — Għarix tax-xagħar tal-mogħoż li jgħammru taħtu sajf u xitwa il-Għarab Bedu, li ma jkollhomx dar.

tiżżija ta' ħajr 'l Alla u t-tismija li kollox jiġi Minnu, u li kull ma jibgħat Hu kollu tajjeb. Fost il-Għarab, jekk turi li trid taf sewwa fuq is-saħħa ta' sieħbek, jew niesu, dak li jkun malajr jieħu għalih. Tmurlu t-tbissima minn fuq xuftejh u aktarx jaqta' l-kliem ħabta u sabta. U meta wieħed Għarbi jsaqsîk: "Kif int?", jekk twieġbu: "Jien tajjeb", mill-ewwel mingħajr ħafna tiżżija ta' ħajr 'l Alla, ukoll tarah jitħanfes. Din tidher ħaġa għarîba u qisha tad-daħk, imma hekk hija l-fehma tal-Għarab, li għalihom, dejjem u f'kollox, 'l Alla għandha tingħata l-ewwel u l-akbar hemma.

Barra minn dan, lill-Għarab ma għandek qatt issaqsihom qasir-qasir: "Dan ibnek?" jew: "Dan ir-raba tiegħek?" Imma għandek dejjem tgħid wara l-mistoqsija: *Għalihu l-bàrake*, jiġifieri: "Tkun fuqu l-barka". Għax inkella il-Għarbi jaħseb li għandek l-ġhira għalîh jew li dak li jkollu sa tgħajjinhulu. Hekk ukoll jekk lil xi Għarbi tagħmillu xi ħaġa tal-ġîd, ma jiżżikx ħajr b'kelma waħda, bħal ma jagħmlu l-Ewropin, imma dejjem isemmi l-Isem t'Alla: *Allâħ isellem idejk*, jiġifieri: "Alla jharislek idejk." Jew igħidlek: *Allâħ jâgħtik il-ġhâfje*, jiġifieri: "Alla jagħtik is-saħħa", u kliem sabiħ bħal dan.

Ħaġa oħra li l-Għarab ma jonqsu qatt li jagħmluha, hi, li meta jiltaqgħu ma' ħabib, jistednuh id-dar biex jieħu xi ħaġa, l-aktar xi belgħa kafè. Il-Għarbi jilqa' lil mistieden b'ħafna tislim u kliem sabiħ (jgħidlek: *Xarraftna*, jiġifieri: "Ghamiltilna ġiħ", u int għandek twieġeb: *Ghalîna x-xaraf*, jiġifieri: "Intom ghamiltu ġiħ lilna", u ħafna kliem bħal dan) ghal darba, tnejn jew tlieta, biex jurih il-ferh li ferah biż-żjara tiegħu. Ma jkollux ħlief xi kaxxa x'jagħtih fuq hiex joqgħod, ghax il-Gharab Fellahîn (5) ma jkollhomx ghamâra. Imma dak li ma ghandhomx fid-dar, ghandhom f'qalbhom, ghax qalb il-Gharab mimlija bl-imhabba u l-qîma lejn ghajrhom. (6) Il-mistieden ikun milqugh b'ghożża kbîra, u meta jġibulu l-kafè, ghandu jwieġeb: *Axkurak. An xâq Allah dêjmen, u sâhibhu jghix mahfuż minn kull xarr.* Jiġifieri: "Niżżik ħajr. Ikun ghal dejjem, u sidu jkun imhares minn kull deni". Fost l-Ewropin, kelma wahda, "Niżżik ħajr", "Thank you" jew: "Grazie", issewwi kollox,

Palestina — Fellah Gharbi idoqq ir-rababa lil mistednin, wara li tagħhom il-kahwa. Il-kikkri jidhru ħdejh fil-gabarre.

imma dan ghall-Gharab ma hux biżżejjed. Ghax huma jhobbu t-takbîr, u jhossu wisq il-kliem sabiħ u jogħxew fuqu.

Meta jiżżewweġ xi ħadd, il-mistieden jgħid lill-ghajjes: *Allâħ*

jubârak ma ghamiltûhu u an xaq Allâħ tkunu saghidîn, jiġifieri: "Imbierek dak li ghamiltu, u 'k Alla jrid, tkunu ħenjin". U l-gharajjes iwieġbu: *Allâħ jubârkek, wa jaħfżak minn kull qaża wa jusghâdek fi awlâdek.* jiġifieri: "Alla jbierkek u jħarsek minn kull deni u jġieghlek tkun ħieni b'uliedek".

jkun marbût ghal kollox mar-rieda Tieghu, ma ghandux f'dak li jiġrilu jaghżel bejn it-tajjeb u l-ħażin, imma jqis li kull ma jiġi minn Alla, kollox tajjeb. Sa fl-akbar ġrajja ta' swied il-qalb, bħal meta tmur taghtihom il-ghomor ghal mewt ta' xi ħadd, dak li jkun ghandu jfakkarhom fit-tajjeb u mhux fil-ħażin. Hekk lil nies il-



Palestina — Dar tal-Fellahin Gharab, minn ġewwa. Jieklu fl-art, minn ġewwa friskatur. Jidher is-saqqu mkebbeb, u fil-ġenb, il-benniena.

Meta jitweldilhom tifel, il-Gharab jaghmlu ghors kbir u jistiednu l-ħbieb u l-qrâba. Dawn jissiebqu bejniethom min minnhom jifirħilhom bl-aktar kliem sabiħ, bħal: *Mabrûk al-mawlud al-ġedid. Rabbna jaħfżu, u an xâq Allâħ tafrahu bihu*, jiġifieri: "Imbierek il-milûd ġdid. Sidna jħârsu, u jekk Alla jrid, tithennew biħ" U t-tweġiba: *Axkurak. Allâħ jubârek fi ghomrok*! Jiġifieri: "Niżżik ħajr, Alla jberiklek ħajtek!"

B'dan il-kliem sabiħ, il-Gharab jûru li huma jemmnu li kull ġid jiġi minn Alla; u billi l-bniedem ghandu mejet jingħad: *Id-dâjem Hu Allâħ. Li ghomrokom jakûn kêmel. An xâq Allâħ ruħ il-marħûm fil-ġenne*! Jiġifieri: "Alla biss jghix ghal dejjem. Li jkollkom ħajja shiha! 'K Alla jrid ruħ il-mejjet qeghda fil-ġenna! "U huma jwieġbu: *Allâħ jukemmel ghomrok wa jaħfżak anta wal-ġemiegħ*, li tfisser: "Alla jaghtik ħajja shiha u jħâres lilek u lill-kull ħadd."

Dan li ghedna huwa ftit mill-"Qadab" jew imġiba tajba tal-Gharab. Ftit, kemm-kemm, bħal meta tara hammiela waħda fjuri

minn ġnien kbir. Għax biex tgħid kollox, trid tikteb ktieb sħiħ, mhux erba kelmiet f'ħaqra ta' rivista.

P. NARCISSU CECCHITELLI, O.F.M.

---

(1) Din il-kitba maqluba għal Malti mit-Taljan. Kienet fir-Rivista "La Terra Santa", li toħroġ minn Ġerusalem, ħarġa Sett-Ottubru 1958, faċċata 237. Biex fil-kliem tal-*komplimenti* bil-Għarbi ma jkun ebda għalta, tlabna lil wieħed miż-żewġ studenti Għarab li hemm ir-Rabat li jaqlibhomlna huwa mit-Taljan.

(2) Abu-Ibrahim, tfisser Missier Ibrahim. Għax ir-rġiel Għarab huma mkabbra wisq b'uliedhom, u għal hekk mill-qedem nett jissejħu b'isem binhom il-kbir. Jiġifieri, jekk ir-raġel ikun jismu Pawlu, u jkollu ibnu l-kbir jismu Ġużepp, il-Gharab ma jsejjħulux Pawlu, imma: Missier-Ġużepp. Is-sabiħa din, li jissejħu wkoll b'isem binhom il-kbir, m'hux biss li hu, jew li kien, imma wkoll li *sata jkun*. Naf wieħed Ġharbi-Nisrani, f'raħal jismu Brieg, il-Palestina, u l-mara tiegħu, li hu jgħid li jismu Abu-Jagħqub, u l-mara Umm-Jagħqub, u qatt ma kellhom tfal! Jiġifieri huma missier u omm ta' tifel li qatt ma twieled!

(4) Il-Ġharab li jgħidulhom Bedu huma dawk li ma jkollhomx dar anqas pajjiż, imma dejjem jiġ u min-naħa għall-oħra. Jgħammru fil-ġherien u taħt il-ġharajjex tax-xoqqa tax-xagħar tal-moġhoż. Ara xi ktibna fuqhom f'dan il-Qari, Ġhadd 3, faċċata 75, sena 1959.

(5) Fellaħin, jiġifieri: nies tar-rħula ż-żgħar, li jgħixu billi jaħdmu r-raba u jirgħu l-bhejjem. Kull familja minn dawn tgħix f'kamra waħda, u ma jkollhomx ġhemâra. Kif tkun id-dar tal-Fellaħin minn ġewwa, ara l-istampa li ġibna fuq.

(6) Ara fuq dan il-kitba: "Kif il-Gharab jilqgħu l-Ghorba", imsemmija fin-nota 4.

(7) Dawn in-noti kollha tal-Editur, li ġhadda fuq tnax-il sena l-Palestina, u dawn l-erba' tislimiet li ġejjin semagħom hu, li jidhirlu m'humiex ta' min iħallihom barra, la darba dil-kitba hi fuq it-tislim. Meta xi Fellah tiġrilu xi ħsâra, bħalli kieku jinħaraqlu ż-żara, sħabu jgħidulu: "Fadâk u fada wlâdak!", jiġifieri: *J'Alla dil-ħsara ħelsitek minn ħsara akbar*, kif ngħidu aħna l-Maltin: "Forsi l-Bambin bidilhielek!" Meta tmur tara li xi ħadd marid, kif tidħol l-bieb, trid tgħidlu: "Żal ġhannek ix-xarr, an xâq Allâh". Jiġifieri: *Ġhaddielek il-mard, k'Alla jrid!* Jew inkella tgħidlu: "Ma ġhalik xarr: "Ma ġhandekx mard. Meta lil xi ħadd tasallu ittra, il-ħabib tiegħu li jaħsel ikun hemmhekk, igħidlu: "An xâq Alla ħajr!". *K'Alla jrid aħbar tajba.* U jekk tgħaddi minn ħdejn xi ħadd li jkun jaħdem, jaħsad, jew jimla l-ilma, jew jagħmel xi ħâġa li jidher li qiegħed ibâti, trid tgħidlu: "Saħħ bdânak!", jiġifieri: *Alla saħħaħlek ġismek.* Kollu kliem sabiħ u fdal ta' ċiviltà qadima.

ĦANA U MANA

Darba kien hemm râġel Mislem li kellu żewġ nisa, waħda jisimha Ħâna u l-oħra Mâna. Dawn iż-żewġ nisa kienu joqogħdu f'żewġt ikmamar, ħajt ma ħajt, u kienu jinstemgħu jitkellmu. Darba r-raġel kien ġhand Ħâna, u din qaltlu: "Jekk tassew tħobbni, agħtini xagħra minn leħitek!" U tagħha. Meta mar ġhand Mâna, biex tkun aqwa minn seħbitha, qaltlu: "Jekk tassew tħobbni, agħtini żewġ xagħriet minn leħitek!" U baqgħu sejrin hekk, kull waħda trid xagħra aktar mill-oħra, sa kemm ma kienx fadallu fi lħitu ġhajr troffa waħda xagħar. Kif darba kien ġhand Ħâna, qaltlu: "Issa, biex Mâna ma tippikax miegħi, agħtini t-troffa kollha!" U mal-kelma ġibditlu t-troffa u qalgħethielu, u baqa' bla xagħar fi lħitu. Ir-rġiel ta' dak ir-raħal kienu kollha bil-leħja, ġhal hekk meta rawh bla leħja bdew jidħku bih u jsaqsuh x'kien ġralu. "Xi triduh jiġrili?" qalilhom; "Bejn Mâna u Ħâna mar leħâna!"

IL-MEWT TA' PERE VINCENT O.P.

Ghal kemm fl-imwaħħar — ghax l-aħbâr ħadnieha mir-rivista Taljâna "La Terra Santa", li waslitilna meta dal-"Qari" t'April kien laħaq ħareġ — ngħarrfu issa lil qarreja tagħna bil-mewt ta' wieħed mill-aqwa ghorrief Kattolki fl-Arkeoloġija tal-Art Imqaddsa, id-Dumnikân Professur Père Luis H. Vincent, fil-ghomor sabih ta' tmienja u tmenin (88) sena.

Ghal Franġiskâni, bħal ma ghad-Dumnikâni ta' Ġerusalem — li jaħdmu ghalanija fil-qasam tal-Mulej, kif wissewhom Missierijiethom, San Duminku u San Franġisk — il-mewt ta' Père Vincent kienet ta' ghafsa ta' qalb ħarxa. Ma tistâx tghid li kienet ta' telfa, ghax il-ħidma kbîra tieghu ghâdha hemm, ħidma li bdieha minn bokor żogħżitu u baqa' sejjer biha bla heda sa waħar xjuħitu. Imma ghafsa ta' qalb iwa; ghax tixtieq tarah u tkellmu, u ma tistâx aktar!

Kif stqarr id-Direttûr tal-Iskola Biblika Franġiskana, Patri Donat Baldi O.F.M. li tghallem taħt idejn Père Vincent, dan il-Professur kellu qîma kbîra lejn il-Franġiskâni tat-Terra Santa, imgħarraf tajjeb kif kien fuq kemm swew lill-Knisja Kattolka bil-ksîb u l-ħarsien tal-Imkejjen Imqaddsa. Il-kbarât tal-Kustôdja wkoll min-naħa tagħhom, taw dejjem ġîħ kbîr lil Père Vincent, u fejn tmiss l-Arkeoloġija u l-bini ta' Bażilki ġodda, u t-tiswija ta' Santwarji qodma, ma kienu jagħmlu xejn bla ma qabel jghidu lilu, u jieħdu rajh, u joqogħdu ghall-awtorità tieghu. Père Vincent ghamel il-qalb lil Franġiskâni meta qalûlu li kien bi ħsiebhom jiftħu Skôla tal-Bibbja, u jsemmuha: "Studium Biblicum" u ferah wisq meta raħa mżanżna fis-sena 1927. Ghên kemm sata' lill-imghallmîn tagħha kemm ukoll lil dawk li kienu jitghallmu, li dejjem fettxew u qaghdu ghar-raj tieghu biex l-iskôla tissebbaħ u tghaddi 'l quddiem.

Id-Direttûr, Patri Baldi O.F.M. u l-ghalliema tal-Istudju Bibliku kienu ġejjîn u sejrîn ikellmu lil Père Vincent fuq ix-xogħol tagħhom u dejjem faħħru t-turija tajba li kien jagħtihom, billi jweġibhom bil-qalb u bissabar ghal kull ma kienu jistaqsuh. Meta ħtija tat-toqol tal-ghomor kellu jitlaq it-tagħlim u jinġabar fiċ-ċella tieghu ghrerja u fqîra, bil-qegħda quddiem mejda, kien jilqagħhom bil-qîma kollha u jfissrilhom b'imħabba u tjieba kull ma kienu jrîdu jafu minn ghandu. U meta fl-aħħar kellu jitlaq ukoll il-mejda u jinxteħet fuq siġġu tad-dirghajn, dak iż-żmien ukoll, ghal kemm iż-żjajjar tal-Franġiskâni kienu jkunu bghîda u qosra, biex ma jgħejjewhx, kienu jsibuh dejjem bit-tbissîma fuq xuftejh u l-kurûna tar-Rużarju f'idu, jistenna bis-sabar u t-talb, lil Ohtna l-Mewt.

Dan li ġej huwa fil-qosor dak li kiteb fuq ħajtu Père Roland de Vaux O.P., il-Professur li mexxa x-xogħol tal-kxîf tad-Dejr il-Kbîr ta' Qumrân.

Père Luis Hugues Vincent twieled fl-aħħar jûm t'Awissu tas-sena 1872, f'saint Albande-Varaize, imma ghadda ħajtu qisha kollha fil-Palestina. Meta ghamel in-Novvizzjat fil-Provinċja ta' Lions, fi Franza, fis-sena 1891 baghtuh il-Palestina fid-Dejr ta' San Stiefnu li kien ghadu kemm inbena f'Ġerusalem. Hemm temm l-istudji tieghu tal-Filosofija u t-Teoloġija u qaddes l-ewwel quddiesa. Hemm ġietu ħajra ghat-tagħlîm Xerqi, jew *Orjentali* u billi Père

Lagrange, ftit qabel (fis-sena 1890) kien waqqaf hemmhekk l-Iskôla Biblika (Ecole Biblique), iż-żagħżugħ Père Vincent, billi kellu moħħu tajjeb u ghîra ghat-tagħlîm, sâr l-egħżeż wieħed fost id-dixxipli tiegħu. Fl-Iskôla Biblika Père Vincent kellu f'idejh it-taqsima tal-Arkeoloġija, u waqt li kien jagħti l-lezzjoni qatt ma kien jinqeda b'noti, ghax kien iżomm kollox f'moħħu, billi kellu memorja kbîra.

L-ewwel ktieb li kiteb kien fl-1907, li semmieħ: *Canaan d'après l'exploration recénte.* It-tieni, fl-1911, li semmieħ: *Jérusalem sous terre.* Wara taha ghall-istudju tas-Santwarji l-kbâr, u flimkien ma' Dumnikân ieħor, Père Abel, li kien studja tajjeb wisq il-lingwi, kiteb xi kotba ta' hemma kbîra. Fl-1914 xandar il-ktieb: *Betléem, le Sanctuaire de la Nativitè*, u wara li ħdiet il-gwerra u raġa' lura minn Franza, fejn kienu ħaduh ghas-servizz Militari, xandar ktieb ieħor: *Hèbron, le Haram el-Khalil*, u ftit wara ieħor: *Emmaüs, sa Basilique et son Histoire.* Imma

Il-Patri Hugues Vincent O.P., waqt li kien idawwar l-Imkejjen Imqaddsa lil ex-President tar-Republika Franċiża Herriot u lis-sinjura tiegħu. Il-Franġiskan li hemm bil-qegħda huwa Patri Ozanne O.F.M., Franċiż ukoll.

l-akbar biċċa xogħol kienet l-istudju tiegħu fuq Ġerusalem u t-tifkiriet tagħha, li xandru fi ktieb ma' Père Abel, li semmieħ: *Jérusalem Nouvelle*. Ktieb li fih elf faċċata barra minn mitt stampa, fuq il-Belt Imqaddsa u l-Imqades tagħha, minn żmien Kristu sa żmien is-Salibîn, jew *Crociati*.

Wara żmien li fih ma kitibx kotba (imma ġabar għadd kbir ta' noti), l-aktar ħtija tat-tieni Gwerra Kbira, kiteb ktieb ieħor, f'żewġ volumi, waħdu, għax Père Abel kien laħaq miet, u semmieħ: *Jérusalem de l'Ancien Testament* (1954-6). Barra minn dan ix-xogħol kiteb kotra bla għadd ta' artikli fir-Rivista tad-Dumnikani, *Reveue Biblique*, li għal żmien kien hu d-Direttur tagħha.

L-awtorità tiegħu fejn tmiss l-Arkeoloġija kienet magħrufa mill-Akkademji l-kbâr tal-Ewropa. Għalhekk kien membru tal-*Academie des Inscriptions*, ta' Pariġi, u tad-*Deutsches Archäologisches Institut*, ta' Berlîn. Hekk ukoll kien membru tal-*British Academy*, ta' Londra, u wieħed mill-ewlenîn membri tal-*Pontificia Accademia Romana di Archeologia*. Kien membru onorârju tal-*American Oriental Society*, u tas-*Society of Biblical Literature*.

Biex jagħrfu wkoll il-ħidma tiegħu, il-Ħakma Ingliża tagħtu l-*O.B.E.* Il-Belġju tâħ il-*Croix de Leopold*, u Franza, art twelîdu, daħħlitu fil-*Legion d'Honneur*, l-ewwel bħala fizzjâl, u ftit ġimgħât qabel mewtu, bħala kommendatûr.

Dan il-ġiħ kollu kien mogħti lîlu sewwa bħala bniedem ta' skôla kbîra, kemm bħala râġel li jistħoqq qîma; għax kull min kien ikellem lil Père Vincent kien jissaħħar għal imġieba ħelwa tiegħu. Il-għadd kbîr ta' ħbieb Ingliżi li kellu kienu jgħidu li hu kien "a perfect gentleman". Kien dejjem imħejji biex jisma' u biex iwieġeb, u jfittex, kull meta jkun meħtieġ, li jgħin lill-ħadd ieħor, sewwa nies ta' skola, kemm lill-istudenti mistħijîn, li kienu jmorru għandu jistaqsuh fuq xi biċċa fuħħâra li jkunu sâbu jew fuq xi taħżiża ta' xi ħerba li jkunu ħażżu, meta jmorru barra għal xi naqra ta' dawra.

Père Vincent kien bniedem ta' tieba kbira u din it-tieba kienet tassew ħierġa minn qalbu. Baqa' jgħid kull jum l-Uffizzju sa kemm sata'; meta ma baqâx jara aktar bin-nuċċali baqa' jgħidu kull jum billi jaqra l-Brevjarju b'lenti kbîra. Meta anqas bil-lenti ma baqa' jâra, beda jgħid ir-Rużarju. Kien jgħaddi nħâri u ljieli bil-kurûna f'idu, jgħid posta wara posta. Kien jixtieq li l-Mulej ifittex jieħdu miegħu, imma wkoll, ħin wieħed, kien jilqa' t-tiġrib li kien qiegħed jibgħatlu. Il-kelma li l-aktar kienet tistama' ħierġa minn fommu fl-aħħar xhûr ta' ħajtu, kienet: *Comme le Bon Dieu veut*, jiġifieri: *Kif irid il-Ħanîn Alla*.

Sħâbu d-Dumnikâni kienu jarawħ, b'għafsa ta' qalb, jiġġarrab u jissaffa qabel ma jmur jiltaqa' m'Alla. Fl-aħħar il-waqt wasal, u l-Imgħallem sejjaħ għal għandu 'l qaddej tiegħu. Ħûtu, d-Dumnikâni ma jistgħux jibkuh, għax għal kemm miet, ħalla warajh wirta kbîra. Il-wirta hi x-xogħol, kbîr u fejjiedi li ħadem, u t-turijiet tajba li wera. Wirta li huma bi ħsiebhom jibqgħu jħaddmuha, u jrodduha sħiħa lil ta' wrajhom.

L-EDITUR.

HREJJEF LHUDIN

IX-XMARA TAL-GURDAN

L-ewwel art li ħalaq Alla kienet l-Art Imqaddsa, dik li wara n-nies laqqmuħa Kangħân, u wara wkoll il-Palestina. Fiha kien hemm wetgħa kbira, u fil-wetgħa tliet widjien, dejjem għaddej minnhom l-ilma.

Darba waħda għamlet xita kbîra u t-tliet widjien fâru, u l-ilma tagħhom iltaqa' u tħallat ma xulxîn. Għal hekk bdew jiġġieldu għax kull wieħed qal li dik l-art kienet tiegħu. Ix-xita ħdiet imma l-ilma tal-widjien baqa' mistâgħdar, għax ebda wied mill-widjien ma ried jitlaq, u hekk saret il-għadira tal-Hule.

L-ilma qiegħed beda jrabbi n-nemûs; in-nemûs beda jigdem in-nies u jmarradhom bid-deni. In-nies telqu minn hemm ħtija tal-mard, u telqu l-bhejjem ukoll. U dik il-wetgħa li qabel kienet għammiela u mfawwra bil-ġid, issa sâret baħħ u xorija.

It-tliet widjien baqgħu jitlewwmu u ħadd minnhom ma ried jitlaq. Alla, minn ġewwa s-sema semagħhom jiġġieldu, u meta ra li ma setgħux jiftiehmu, niżel hu jagħmel ħaqq bejniethom, u qagħad bil-qegħda fuq għolja li għal hekk sal-lum jgħidulha Tell il-Qâdi, bil-Għarbi; u bil-Lhudi jgħidulha Dân (li bil-lingwa l-waħda u l-oħra tfisser *Imħallef*). U Alla qal lill-ilma tat-tliet widjien: "Issa, għiduli għaliex qegħdin titlewmu!" Il-widjien bdew jgħajtu t-tlieta f'daqqa u Alla ma satax jifhem ħâġa ħlief li kull wieħed ried dik il-wetgħa għalih waħdu, u ħadd minnhom ma ried jitlaq minnha.

Alla telagħlu u għajjat: "Itilqûli minn hawn it-tlieta!" U mal-kelma t'Alla theżżet l-art, u nfetaħ ħarq kbir u l-ilma tat-tliet widjien telaq jiġri fih u baqa' jiġri u jdur sa kemm wasal is-Sibt u waqaf fil-Baħar ta' Tabarija. U l-għada raġa' beda jiġri u baqa' jiġri sa ma wasal u ntilef fil-Baħar il-Mejjet. Għal hekk jgħidulu Jor-Dan, jiġifieri x-xmara tal-Imħallef, u għal hekk l-ilma tiegħu jintilef fil-Baħar Mejjet, qsâs minn Alla, talli l-widjien ma ftehmux.

L-IMSIEBAH IL-LEJL

Il-Palestina, in-naħa tax-Xmiel, hemm belt jisimha Safad, li fiha fi żmien it-Torok kienu jgħammru għadd kbir ta' Lhûd. Billi dawn il-Lhûd kienu kollha ħaddiema, lil uliedhom kienu jeħduhom jaħdmu bi nhar, u jibgħatuhom l-iskôla, jitgħallmu fil-għaxija, meta jidlam, wara li jiġu mix-xogħol.

Darba waħda laħaq Bâxa, jiġifieri *Sindku* ta' Safad wieħed Tork qalbu ħażina, li kien jobgħod wisq lil-Lhûd; għal hekk, biex ħadd minnhom ma jitgħallem skôla, amar lil Lhûd ma jixegħlux wara li jidlam. U għal dan it-tfal ma setgħux imorru aktar jitgħallmu l-iskola.

Imma mbagħad ħasbuha. It-tfal kollha wara li dalam, niżlu ġewwa l-wied u daħlu fis-sqaqien tal-eġħlieqi, jiġbru l-imsiebaħ il-lejl, li qrib Safad jagħmel minnhom bil-kotra. Ħadu magħhom qara' bagħli niexef u mlewħ bl-imsiebaħ il-lejl. Marru l-iskola u telqu hemm l-imsiebaħ il-lejl; li qabdu mal-ħitan u mas-saqaf u ma kull imkien. Għamlu ħafna

dawl u bih it-tfal setgħu jaqraw il-kotba tagħhom u jitgħallmu t-Torà.

Tal-għassa mar għarraf lil Bâxa li l-Lhûd fl-iskola kellhom id-dawl. Il-Bâxa għajjat lil qawwâsa, rikeb iżżiemel u mar magħhom biex jaqbad il-Lhûd talli ma semgħux minnu. Daħal l-iskola u ra dawk l-imsiebaħ il-lejl, bl-eluf, u minnhom ħiereġ dawl abjad-ħadrâni.

Meta ra x'kienet il-ħâġa, il-Bâxa saqsa lil wieħed mit-tfal kif kien ġie f'rashom jagħmlu dan. "Mit-Torà!" wieġeb it-tifel. "Aħna hawn nitgħallmu t-Torà; u t-Torà hija dawl li b'xejn ma jintefa. Min jitgħallimha, tagħtih id-dawl fuq kollox, u f'kollox ikun jaf x'għandu jagħmel!"

"La darba hu hekk," wieġeb il-Bâxa, "mil-lum 'il quddiem ixegħlu dawl kemm tridu. Lit-Torà tagħkom ma nagħlibhiex."

IL-KELMA TAL-BAHAR

Ġaffa tinsab fil-Palestina u hija waħda mill-eqdem bliet tad-dinja. Jingħad mill-antik, li l-ġid kollu li jegħreq fil-baħar, il-mewġ itellgħu fix-xatt ta' Ġaffa, bħala għotja linnies it-tajba; imma nies il-ħżiena ma jkollhomx sehem fih.

Darba waħda wieħed Lhudi xiħ u twajjeb kellu ħtieġa ta' kemxa flus, ta' malajr. Għal hekk mar għand mara għanja li kienet toqgħod Ġaffa, ħada l-baħar, u talabha tisilfu l-flus.

"X'għandek jagħmel tajjeb għalik?" saqsietu l-mara. Hu ħares ma dwaru u ma rax għajr il-baħar. Għal hekk weġibha: "Aħna qegħdin f'xatt il-baħar. Jagħmel tajjeb għalija l-baħar!" U fuq dil-kelma l-mara tagħtu l-flus li kien talabha. U ftehmu li kellu jarġa' jroddilha l-flus hemm, ħada l-baħar.

Meta wasal iż-żmien biex iroddilha flusha, kien marid b'ħajta deni, u ma satax imur Ġaffa. Wara xi jumejn għaddielu u mar ħada l-baħar jistennieha, imma hi ma ġietx. Saqsa għalieha, sab fejn kienet toqgħod, ħabbtilha l-bieb u fetħitlu. "Ġejt inroddlok flusek," qalilha; "agħdirni għax twaħħart ftit. Ma kontx niflaħ, għax kieku ġejt fil-waqt."

"Jien flusi ħadthom," weġbitu l-mara. "Ma tiftakarx li kien għamel tajjeb għalik il-baħar? Il-flus li sliftek raddhomli l-baħar."

"Imma kif raddhomlok il-baħar?" saqsieha.

"Fil-jum u l-ħin li ftehmna ħriġt barra u qgħad ix-xatt nistenniek, u meta rajt li int ma ġejtx, kont sa' narġa' lejn dari. F'daqqa tiġi mewġa u tixħetli fejn riġlejja kaxxa magħluqa. Irfajtha u ftaħtha, u nsib ġewwa fiha għadd ta' biċċiet tad-deheb u l-fidda. Jiena minnhom ħadt kemm tajtek u l-imgħax. Stenna ftit ħalli nidħol inġiblek il-bqija!"

QAWL TAL-PALESTINA

Arâk mitl ma tarâni. Jien narak, kif inti tara lili. Jekk int iżżommni b'għadu, hekk ukoll inżommok jien; jekk iżżommni ta' ħabib, ta' ħabib inżommok. Dal-qawl sabih imma m'hux dejjem minnu, għax hawn ħafna nies li juru ħaġa b'oħra.

AHBARIJIET TA' L-ART IMQADDSA

Ir-Re Husejn jiżżewweġ Ingliża — Għal bidu ta' Mejju xterdet l-aħbâr li r-Re tal-Ġordanja, Husejn I ħatar b'għarûstu xebba Ingliża, jisimha Toni Gardiner, t'20 sena, bint Kurunell Ingliż li qiegħed Għammân bħala Adviser fil-British Training Mission. Il-Kurunell kien suldât u ngaġġa fis-sena 1927. Huh għadu s'issa barman f'Mess tas-Servizz. Ir-Re ltaqa' ma Toni f'dance tal-R.A.F. Ingliża, fejn kienet mistiedna ma' missierha u ommha. Qal hu n-nifsu li x-xebba għoġbitu wisq għax għad li kienet taf li hu Re, ġiebet ruħha miegħu bħalli kieku kien xi żagħżugħ bħall-oħrajn, ħabib tagħha. Ix-xebba biex tisma' mir-Re ħadet l-isem Għarbi ta' Mûna u qalbet Misilma u qegħda titgħallem il-lingwa Għarbija. Il-Għarab tal-Ġordânja ferħu b'dil-għerusija, imma l-qrâba u l-ħbieb tar-Re wissewh li ma jeħodhiex, għax jista' jdaħħal fit-tiġrîb lil saltnatu. Wisq Ingliżi wkoll ma għoġbithomx dil-għażla, għax tâgħti r-rîħ lil għedewwa li jgħidu li l-Ingliżi qegħdin jindaħlu fil-Politka tal-Ġordânja. B'dan kollu r-Re żżewweġ lix-xebba Ingliża nhar il-Ħamîs, 25 ta' Mejju, b'ċerimonja qasîra u ftît saret festa. Il-President Nâser bagħat jifraħ lil Husejn, u ma semmielux "żwieġ", imma "Għîd 'tad-Djiena". Toni ma hix sa tkun Reġîna, imma biss "mara" tar-Re. Husejn iżżewweġ darba oħra qabel, lil xebba qarîba tiegħu, li issa qegħda l-Eġittu għand missierha. Għandu tifla ta' ħames snin li qegħda trabbiha nurse Ingliża, f'Għammân.

Il-Ġuri ta' Eichmann — Qiegħed isir f'Israel, il-Palestina il-ġuri ta' Adolf Eichmann, li fi żmien il-gwerra li għaddiet Hitler kien ħalla f'idejh il-qerda tal-Lhud fil-Ġermanja u fl-artijiet li waqgħu taħt idejn il-Ġermaniżi. Telgħin jixhdu fil-qorti nies li għaddew minn ġrajjiet ta' kefrija li tkexkex, u li wara b'xorti kbîra seħħilhom jibqgħu ħajjîn u jaħarbu. Intqal kif eluf ta' tfâl żgħâr kienu maqtûla mill-Ġermanîżi waqt il-mixi lejn il-ħabsijiet, talli kienu jibku bil-ġugħ, bil-ksieħ, u bil-għejja. Kerha għallaħħar hi l-ġrajja ta' mara Lhudija li ma' eluf ta' Lhud oħra kienet midruba bil-balal tal-azzarini tal-Ġermanîżi u mixħuta ġewwa foss b'ħafna nies oħra midrûba u mejta taħtha u fuqha, u kif bdiet tiġġebbed biex tħeles minn bejniethom, bdew jigdmuha u jrossuha 'l isfel biex tibqa' hemm u tmut magħhom. Intqâl ukoll kif fis-sena 1943 il-Lhud damu xahrejn jitqâbdu mal-Ġermaniżi f'Warsaw u hekk aktar ħrâxet il-qerda tagħhom. Issemma kif wieħed mill-kbarât Lhud ħeles lil familja tiegħu u qarraq bi sħâbu l-Lhud l-oħra. Eichmann stess qatel tifel Lhudi li kien jaħdem fil-ġnien tiegħu, għax seraqlu xi żewġ ċirasiet minn siġra u kielhom. Xi ġrajja, imma, jidħru li huma mgħaġġbîn, bħal meta l-Ġermanîżi qabdu għadd ta' Rabbîn Lhud u ġiegħluhom jerfgħu jdejhom u jitolbu 'l Alla, u kif kienu hekk xarrbuhom bil-petrolju u tawhom in-nâr, u dawna, huma u jinħarqu, baqgħu b'dirgħajhom merfugħîn lejn is-sema. Wieħed jista' jaqra fit-tûl fuq dan il-ġuri, għax wisq gazzetti ta' barra, u wħud ta' Malta kitbu fuqu. Naraw imma sa fejn jista' jasal il-ħażen ta' dawk li ma jibżgħux u la mn'Alla anqas min-nies, għax il-Ġermanîżi waslu f'dil-kefrija kollha għax ma emmnux li hemm Alla li jagħmel ħaqq, u għamlu tagħhom ir-rebħa aħħarija tal-gwerra.

REQUIESCANT IN PACE (*)

Nixtiequ li l-imseħbin tagħna jitolbu għar-ruħ għażiża ta' dawn li ġejjin, li telqu minn din id-dinja qabilna, u li nieshom jixtiequna niftakru fihom fit-talb tagħna.

IL-BELT — Giovanni Baldacchino, Rużarja Baldacchino, Katarina Baldacchino, Franġisk Galea.

HAŻ-ŻABBAR — Pawlu Grech, Ġużeppi Gauci, Wenza Pulis, Ġużeppi Pulis, Karlu Pulis, Dolor Pulis, Feliċa Scicluna, Toni Camilleri, Karmni Camilleri, Ġużeppi Camilleri, Grezz Camilleri, Pawlina Camilleri. Salvu, Lia, Katerin Lia, Karmnu Pulis, Anġelku Pulis, Wenzu Pulis, Vitor Pulis, Ġużeppi Gatt, Wiġi Barbara, Wistina Barbara, Silvja Żerafa, Ester Carbone, Karmena Carbone, Mikiel Axiaq, Grezzja Demicoli, Ġuditta Tedesco, Pawlu Zerafa, Ċikku Zerafa, Joseph Attard, Zabbetta Attard, Marija Axisa, Karmnu Axisa, Wenzu Axisa, Ġużeppi Attard, Karmenu Attard, Marijann Axisa Ġanni Zarb, Ġużeppi Gauci, Anġla Darmanin, Toni Darmanin, Pawlu Buħaġar, Gejtan Buħaġar, Masu Gatt, Ġużeppi Gatt, Patist Gatt, Marija Gatt, Anġolina Ellul, Mikiel Ellul, Manwel Barun, Ġużeppi Barun, Marijanna Muliett, Ġuża Xerri, Franġiska Grima, Ġolu Grima, Pawlu Zerafa, Karmenu Cassar, Pawlu Cassar, Rafel Cassar, Ġużepp Cassar, Karmnu Cassar, Saver Ellul, Ġużeppi Pulis, Wiġi Pulis, Ċensu Pulis Emilja Pulis, Toni Said u Manweli Said.

IL-GŻIRA — Elisabet Cauchi, Katarina Cauchi, Salvu Buttiġieġ, Mary Zammit, Edward Gera, Ġannikol Vella, William Vassallo, Lugarda Vassallo, Kamilla Engerer, Henry Engerer, Spira Ciantar, Manwela Ciantar, Charles Brincat, Gajtana Goodlip, Mikiel Darmanin, Toninu Fenech, Susanna Montalbano, Marija Gauċi, Netta Fsadni, Saverju Fsadni, Rożina Farrugia, Pawlu Gauċi, Spiru Stafrace, Charles Gauċi, Marċell Gauċi, Ġulja Cassar, Marija Cassar, Salvu Mifsud, Liża Mifsud, Albert Doublet, Mary Doublet, Anton Depares, Ġanni Casha, Franġisk Chetcuti, Anna Chetcuti, Anġla Cilia Rosina Cilia, Pinu Cilia, Ġużeppi Zarb, Marjann Attard, John Cassar, Frank Cassar, Karmenu Cuschieri, Rużarja Vella, Katerina Sammut, Karmena Curmi, Ġanna Catania, Filomena Cremona, Kelina Cremona, Lucy Cassar.

L-ISLA — Ġanni Gauċi, Ġużeppi Gauċi, Karmena Busuttil, Marija Vella, Anġla Schembri, Karmenu Schembri, Karmena Cachia, Anġlu Cachia, Karmenu Camilleri, Natalie Camilleri, Wiġi Muscat.

IN-NAXXAR — Karmenu Muscat, Vitor Muscat, Salvu Vella, Marijanna Vella.

B'KARA — Antenare Rossi, Maggie Rossi, Albert Rossi.

ĦAL-BALZAN — Karmena Grima Wiġi Grima, Fidiel Grima, Ġużeppina Danieli, Dolor Cilia, Ċikku Farrugia.

IL-BIRGU — Anġla Baldacchino, Ġużeppi Baldacchino, Toni Scicluna, Leni Ceci, Lino Ceci, Lużarja Formosa.

ĦAL-GĦARGĦUR — Indri Sammut, Karmni Bezzina, Bertu Bezzina, Ċikku Bezzina u Mikiel Bezzina.

ĦAL-MUXI — Karmni Buġeja, Peppi Buġeja, Toni Buġeja, Gawdenjza Zammit - Gauċi, Ġannikol Zammit-Gauċi, Pina Aquilina, Mari Abela, Katarin Bonniċi, Patist Bonniċi, Pina Bonniċi, Dun Salv Caruana, Ġuża Cortis.

IR-RABAT — Wiġi Zammit, Marijann Zammit, Ċensu Vella, Ġużeppa Zammit, Lukrezja Sammut, Toni Callus, Peppi Mallia, Tereż Mallia, Mari Sant, Tona Sant, Lukrezja Mizzi, Wenzu Sant. Lużarja Briffa, Rożina Cassar, Lużar Briffa.

IL-MARSA — Thomas Pace, Louis Pace, Regin Pace, Pawlina Pace, Francis Pace, Ludovico Pizzuto. Maria Anna Pizzuto. Maria Publio Pizzuto, Carmelo Pizzuto Antonio Pizzuto, Carmela Pizzuto, Guża Sammut, Rosalia Sammut, Paolo Sammut, Carmela Sammut, Salvatore Sammut, Giovanni Gatt, Giuseppe Caruana, Luisa Camilleri, Manuele Caruana, Giuseppe Caruana Salvu Caruana, Maria Caruana, Catarina Caruana, Annunziata Caruana Giuseppe Caruana, Francesca Caruana, Paolo Caruana, Carmelo Caruana, Giuseppe Ellul, Rosanna Ellul Giovanni Cilia, Giuseppe Cilia, Manuele Borda, Maria Anna Borda, Giuseppe Borda, Paola Calleja, Spiro Calleja, Paola Saliba, Salvu Calleja, Carmelo Calleja, Antonio Calleja, Manuel Calleja. Żarena Galdes, Manuel Galdes, Annunziata Fenech, Paola Fenech, Carmela Fenech, Ignazio Grech, Concetta Grech, Francesco Galdes, Carmela Calleja, Sapienza Calleja, Concetta Calleja, Giuseppe Calleja, Ignazio Buġeja, Manuela Buġeja, Antonio Buġeja Andrea Buġeja, George Buġeja Carmelo Buġeja, Andrea Buġeja, Carmela Buġeja, Andrea Agius, Maria Agius, Carmelo Farrugia.

ZEJTUN — Giuseppa Caleja, Antonio Calleja, Anġolina Calleja.

MOSTA — John Agius.

IR-RABAT, GĦAWDEX.

Mikielanġlu Cassar, P. Farrugia, Antonia Farrugia, Karmela Debono, Ġużeppi Farrugia Agostina Farrugia Lwiġi Calleja, Karmelu Sammut, Ġużeppi Sammut, Grezja Mercieca, Karmelo Grech, Ġużeppi Grech, Lwiġi Attard, Filomena Attard, Antonja Attard, Ġużeppi Attard, Karmela Attard, Margerita Tabone, Lwiġi Attard, Marija Tabone, Karmelu Tabone, Emmanwele Cini, Marija Ċini, Ġużeppi Attard, Roża Attard, Franġisku Pavia, Ġużeppi Attard, Vinċenzo Attard, Antonio Zammit.

IL-QALA — Margerita Camileri.

IL-MUNXAR — Karmnu Xuereb, Rożi Xwereb, Marijann Cassar, Anġlu Cassar, Dolor Cassar, Mari Cassar, Ġużepp Cassar, Karmnu Attard, Ġużepp Sacco, Lureta Sacco, Inġierka Sacco, Kalanġ Debrincat, Cikku Debrincat, Mari Debrincat.

TA' KERĊEM — Mari Mizzi, Wenzu Mizzi, Salvu Grech, Peppa Attard, Ġorġi Attard, Vitorja Galea Ċikka Galea, Mari Galea, Orsla Galea Ester Galea, Ġużepp Azzopardi, Anni Vella, Peppa Buġeja, Massiminu Buġeja, Toni Buġeja.

Min-naħa taġħna niżguraw qrabathom li l-erwieħ ta' dawn il-mejtin ġħożież ikollhom dejjem sehem millquddies li jitqaddes fuq il-Qabar ta' Krisiu.

(*) Il-bqija tal-ismijiet tal-Mejtin inġibuhom f'ħarġa oħra; imma s-sufraġji ġħar-ruħhom fl-Imkejjen Mqaddsa ta' Ġerusalem, isiru xorta waħda.